## It-Tielet Kapitlu


| | |
|---|---|
| Indiċi | 47 |
| It-Tielet Kapitlu | 49 |
| Is-Snin Ħamsin | 49 |
| Żviluppi Matul is-Sena 1950 | 49 |
| L-Iffirmat tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem | 51 |
| Ikomplu l-Iżviluppi fis-Sena 195I | 52 |
| Riżenja | 52 |
| Żviluppi Matul is-Sena 1952 | 54 |
| Il-Kultura tar-Riżenji | 54 |
| Trattament ta' l-Aktar Pajjiż Favorit | 54 |
| L-Ewwel Levi fs-Sena 1953 | 56 |
| Jitwaqqaf is-Suq Komuni fil-Faħam u l-Azzar | 56 |
| Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-KEFA | 56 |
| L-Ewwel Passi lejn Għaqda Politika | 57 |
| Suq Komuni fil-Ħadid Mormi | 58 |
| Il-Komunita' Tidħol Minflok l-Istati Membri | 58 |
| Żviluppi Matul is-Sena 1954 | 60 |
| Franza ma ċċedix is-Sovranita' fuq id-Difiża | 60 |
| Jean Monnet Jirriżenja mill-Awtorita' għolja | 60 |
| L-Ewwel Deċiżjoni tal-Qorti tal-KEFA | 61 |
| Is-Sena 1955 | 63 |
| Bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa | 63 |
| Żviluppi fs-Sena 1956 | 64 |
| Ċirkolazzjoni ħielsa ta' Prodotti | 64 |
| Spaak Jippreżenta r-Rapport Tiegħu | 65 |
| Żviluppi fis-Sena 1957 | 66 |
| Għaliex Saru żewġ Trattati | 66 |
| Franza Pajjiż Kolonjali | 66 |
| Raġunijiet | 67 |
| Immunitajiet u Drittijiet | 68 |
| Is-Sena 1958 | 69 |
| Armonizzazzjoni tat-Tariffa tal-Faħam u l-Azzar | 69 |
| Robert Schuman President ta' l-Assemblea | 70 |
| L-Ilsna Uffiċjali | 70 |
| L-1958 f'Malta | 70 |
| Il-Kanal tas-Suez | 71 |
| Il-Pjan għall-Invażjoni ta' l-Eġittu | 72 |
| Il-Persja (Iran) | 72 |
| Lura Lejn l-Eġittu | 74 |

| | |
|---|---|
| Tindaħal l-Amerika | 74 |
| Lura f'Malta | 75 |
| Il-Ħaddiema Maltin u Għawdxin Imsawwta | 76 |
| Lura Lejn il-Komunitajiet | 77 |
| L-Ewwel Raġuni | 78 |
| It-Tieni Raġuni | 80 |
| It-Tielet Raġuni | 80 |
| Membri Parlamentari Maħtura | 81 |
| Aktar Żviluppi | 82 |
| | |
| Żviluppi fis-Sena 1959 | 83 |
| L-Aċċettar tal-Proposta Dillon | 83 |
| Rimi fis-Suq | 84 |
| Kompetizzjoni għall-Komunitajiet Ewropej | 84 |
| Istituzzjonijiet Komuni għat-Tliet Komunitajiet | 85 |

# It-Tielet Kapitlu
# Is-Snin Ħamsin

## Żviluppi Matul is-Sena 1950

Kif rajna aktar qabel, il-Ġermanja kienet kaġun ta' straġi fil-pajjiżi Ewropej permezz tat-tieni gwerra dinjija. Madankollu, anki fl-ewwel gwerra dinjija kienet ikkaġunat ukoll straġi sħiħa fil-pajjiżi Ewropej fejn kienu ġew maqtula miljuni kbar ta' nies u fejn kien intuża wkoll il-gass velenuż.

Wara li kienet tilfet l-ewwel gwerra dinjija, il-Ġermanja kienet ġiet imġiegħla tħallas miljuni kbar ta' flejjes biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li kienet wettqet matul il-gwerra, speċjalment fi Franza.

Kienu nżammu ukoll taħt il-kontroll ta' l-Allejati li kienu rebħu lill-Ġermanja partijiet mill-istess Ġermanja li kellhom ħażna ta' faħam u fejn kien jinħadem l-azzar, li kienu l-materja prima li bihom il-Ġermanja setgħet terġa' tarma l-armati tagħha.

Il-ħsieb wara dawn il-passi kien li mhux biss jitħallsu l-ħsarat u l-Ġermanja ma jkollhiex ekonomija b'saħħitha li tippermettilha li terġa' tarma militarment u tkun ta' theddida għall-oħrajn, imma li lanqas ma kienet titħallilha l-materja prima biex tkun tista' terġa' tagħmel l-armamenti.

Madankollu, dawn il-passi meħuda mill-allejati kienu fallew, minħabba li kif jaf kulħadd, mhux biss il-Ġermanja kienet reġgħet armat ruħa sa snienha, imma kienet ukoll wasslet għat-tieni gwerra dinjija.

Għaldaqstant, kemm Franza kif ukoll il-pajjiżi Ewropej l-oħra riedu jsibu mezz ieħor biex jaraw kif jikkontrollaw lill-Ġermanja ħalli ma terġax tagħmel l-istess.

Kif rajna fl-Ewwel Kapitolu, il-federalisti internazzjonali kienu ħasbu biex iwaqqfu l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew jew l-Istati Uniti ta' l-Ewropa, bil-ħsieb li b'hekk ikunu jistgħu jikkontrollaw lill-Ġermanja.

Biex jintlaħu dawn l-għanijiet, u minħabba li Franza kienet l-aktar li kienet ġiet attakkata mill-Ġermanja fiż-żewġ gwerer u li l-aktar kienet għadha tibża bis-sħiħ mill-Ġermanja, wasslu biex fid-9 ta' Mejju 1950, Robert Schuman li kien il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Franċiż jagħmel Dikjarazzjoni.

F'din id-Dikjarazzjoni, Schuman, li kien ispirat minn diskors ta' Jean Monnet, kien ippropona li Franza u l-Ġermanja u kull pajjiż ieħor Ewropew li xtaq jingħaqad magħhom, jgħaqqdu flimkien ir-riżorsi tal-faħam u l-azzar tagħhom. Din baqgħet magħrufa bħala d-Dikjarazzjoni Schuman[1].

Schuman kien qal li,
**"…il-Gvern Franċiż jipproponi li jieħu azzjoni immedjatament fuq punt wieħed imma deċiżiv … li jpoġġi l-produzzjoni tal-faħam u l-azzar Franko-Ġermaniża taħt Awtorita' Għolja, fl-istruttura ta' organizzazjoni miftuħa għal parteċipanti**

[1] Schuman Declaration

**minn pajjiżi oħra ta' l-Ewropa … Is-solidarjeta' fil-produzzjoni hekk stabbilita tagħmilha ċara li kull gwerra bejn Franza u l-Ġermanja ssir mhux biss lanqas tinħaseb, imma materjalment impossibbli … din il-proposta tibni l-ewwel sisien sodi ta' federazzjoni Ewropea li tkun indispensabbli biex jiġi ppriservat il-paċi…"[2].**

Huwa ċar daqs il-kristall li dak li kien qiegħed jipproponi Schuman kien Stat Federali Ewropew li l-ewwel pass lejn il-ħolqien tiegħu kien se jittieħed billi l-produzzjoni tal-faħam u l-azzar tiġi kkontrollata minn istituzzjoni federali tiegħu, dik li ssejħet Awtorita' Għolja.

**Kif qal Schuman stess, Franza kienet qed tipproponi li jittieħed dan il-pass bħala mezz biex il-Ġermanja ma tkunx tista' terġa' tarma u tagħmilha mpossibbli li ssir gwerra oħra bejn Franza u l-Ġermanja.**

Fi kliem ieħor, l-istess pjan kif kienu ħasbu u riedu l-federalisti internazzjonali li riedu jissagrifikaw lill-pajjiżi Ewropej bil-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew biex il-Ġermanja tiġi kkontrollata u ma terġax tagħmel l-istess straġi kif kienet għamlet diversi drabi qabel.

Id-dikjarazzjoni ta' Schuman intgħoġbot minħabba li l-pajjiżi Ewropej kienu għadhom kif għaddew mill-istraġi tal-gwerra, tant li fit-3 ta' Ġunju, il-Belġju, Franza, il-Lussemburgu, l-Italja, l-Olanda u l-Ġermanja qablu mad-Dikjarazzjoni Schuman.

Wieħed irid jiftakar ukoll li dawn il-pajjiżi kienu litteralment inkinsu mill-armata Ġermaniża, u kif anki l-Italja, minkejja li kienet daħlet fil-gwerra favur il-Ġermanja minħabba l-bombastiċita' u l-ftaħir fil-vojt tad-Dittatur Faxxista Benito Mussolini li wkoll ried ikabbar l-artijiet li l-Italja kienet taħkem fuqhom, kienet batiet bis-sħiħ fejn anki ħafna Taljani kienu nqatlu mill-Ġermaniżi stess.

Hawnhekk irridu niftakru li anki l-Italja kellha wkoll il-kolonji tagħha fl-Afrika tat-Tramuntana u anki f'partijiet oħra, fejn ċittadini Taljani kienu jittieħdu biex jgħammru fihom u l-popli tagħhom kienu jinqatlu bla ebda ħniena waqt li jinsterqilhom il-ġid kollu li kellhom f'pajjiżhom.

Bejn is-26 u t-28 ta' Awissu, anki l-Assemblea tal-Kunsill ta' l-Ewropa kienet qablet u approvat il-Pjan Schuman[3].

Fid-19 ta' Settembru, inħolqot l-Għaqda tal-Pagamenti Ewropea[4]. B'hekk naraw li kollox beda jingħata dimensjoni Ewropea u mhux aktar nazzjonali.

---

[2] "… the French Government proposes to take action immeduiately on one limited but decisive point … to place French-German production of coal and steel under a common High Authroity, within the framework of an organisation open to the participation of the other countries of Europe … The solidarity in production thus established will make it plain that any war between France and Germany becomes not merely unthinkable, but materially impossible … this proposal will build the first concrete foundation of a European federation which is indispensable to the preservation of peace…"

[3] Schuman Plan

[4] European Union of payments

## L-Iffirmat tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

Bħala riżultat tal-ħolqien tal-Kunsill ta' l-Ewropa u t-tkażbir tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment bil-kampijiet tal-konċentrament u bil-qtil ta' miljuni ta' priġunieri min-Nazisti Ġermaniżi fil-gwerra li kienet għadha kif għaddiet, kien hemm appoġġ sħiħ biex dawn id-drittijiet jiġu mħarsa.

Wara li kif rajna aktar qabel, kien ipproponut li jkun hemm konvenzjoni dwar il-ħarsien ta' dawn id-drittijiet, fl-4 ta' Novembru sar l-iffirmar tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Drittijiet Fundamentali [5] tal-Kunsill ta' l-Ewropa, liema ffirmar kien sar ġewwa Ruma, fl-Italja.

[5] Human Rights and Fundamental Rights Convention

## Ikomplu l-Iżviluppi fis-Sena 1951

Fil-15 ta' Frar 1951, saret laqgħa ġewwa Pariġi, fi Franza, bil-ħsieb li tinħoloq Komunita' Ewropea ta' Difiża[6]. Il-Belġju, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Ġermanja kienu attendew għal din il-laqgħa flimkien ma' sitt pajjiżi osservaturi li kienu l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada, id-Danimarka, in-Norveġja, ir-Renju Unit u l-Olanda.

Fit-18 ta' April 1951, sitt pajjiżi, jiġifieri l-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Olanda kienu ffirmaw it-Trattat tal-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar[7] ġewwa Pariġi, fi Franza. Għaldaqstant, dan it-Trattat huwa magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Pariġi.

B'hekk, dawn is-sitt pajjiżi taw bidu għall-ħolqien ta' l-ewwel Komunita' Ewropea fl-oqsma tal-faħam u l-azzar, li kif rajna aktar qabel, kienu l-materja prima li bihom il-Ġermanja kienet tista' tagħmel l-armamenti kif kienet għamlet qabel bejn iż-żewġ gwerer, minkejja li l-inħawi fejn kienet tinsab din il-materja prima kienu kkontrollati mill-Allejati li kienu rebħu l-ewwel gwerra.

## Rizenja

Fl-10 ta' Diċembru, Paul Henri Spaak, kien irriżenja minn President ta' l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa bħala protesta kontra l-attitudni bierda[8] tar-Renju Unit lejn l-Ewropa. L-attitudni bierda tar-Renju Unit lejn l-Ewropa li wasslet għar-riżenja ta' Spaak twassalna għal diversi kunsiderazzjonijiet.

Waħda hija kemm ir-Renju Unit kien għadu jridha ta' Imperu li x-xemx qatt ma tinżel minn fuqu minkejja li kien fallut kaġun tat-tieni gwerra dinjija, u għalhekk ried iżomm 'il bogħod mill-Ewropa għaliex kien għad kellu Imperu tiegħu għalkemm kien beda jitnaqqar.

Kunsiderazzjoni oħra hija li Churchill qatt ma ried li tinħoloq Unjoni Ewropea jew Stati Uniti ta' l-Ewropa bħala Stat Federali Ewropew, u għalhekk, bil-mod kif inħolqot il-KEFA bl-istituzzjonijiet supranazzjonali tagħha qishom istituzzjonijiet ta' Stat Federali, l-Ingliżi kienu ndunaw mill-ewwel li l-għan tal-pajjiżi li kienu ffurmaw il-KEFA kien il-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew.

Dan kien faċli li jindunaw bih minħabba l-ħolqien ta' Awtorita' Għolja li kellha s-setgħa li tiddeċiedi hija u mhux l-Istati Membri fuq dak kollu li kellu jsir fl-oqsma tal-faħam u l-azzar, u b'hekk indunaw li l-Awtorita' tal-Komunita' kien se jkollha setgħa aktar mill-istess Stati Membri tagħha, l-istess kif ikun hemm fi Stat Federali.

Barra mill-Awtorita' Għolja u istituzzjonijiet oħra ta' natura supranazzjonali, kienet inħolqot ukoll il-Qorti tal-KEFA li kellha dritt ewlieni li tiddeċiedi fuq kwistjonijiet li setgħu jinqalgħu, kemm bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-KEFA.

[6] European Community of Defence
[7] European Coal and Steel Community
[8] Lukewarm attitude

Dan kien ifisser biss li l-Istati Membri kienu qed jiġu sottomessi għal istituzzjonijiet supranazzjonali kif jiġri eżatt fi Stat Federali, u għaldaqstant, ma setgħax ikun ċar aktar minn hekk għall-Ingliżi fejn riedu jaslu l-Istati Membri tal-KEFA.

## Żviluppi Matul is-Sena 1952

Fis-27 ta' Mejju 1952, is-sitt pajjiżi li s-sena ta' qabel kienu ffirmaw it-Trattat tal-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar iffirmaw it-Trattat dwar il-Komunita' Ewropea ta' Difiża[9], ġewwa Pariġi, fi Franza.

Dan il-fatt kompla wera lill-Ingliżi u lil kull min ried jifhem, kemm dawn il-pajjiżi mhux biss riedu għaqda li tirregola l-faħam u l-azzar, imma anki għaqdiet oħra, fosthom fil-qasam tad-difiża. Dawn ma kienu xejn ħlief passi wieħed wara l-ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew.

## Il-Kultura tar-Riżenji

Fit-23 ta' Lulju daħal fis-seħħ it-Trattat dwar il-KEFA[10], Jean Monnet ġie maħtur bħala President ta' l-Awtorita għolja[11] tal-KEFA, u Paul-Henri Spaak li kif rajna s-sena ta' qabel kien irriżenja minn President ta' l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa, inħatar bħala President ta' l-Assemblea Komuni[12] tal-KEFA. Il-Lussemburgu ġie magħżul bħala l-post temporanju tal-KEFA, waqt li Awtorita' Għolja daħlet fil-kariga fl-10 ta' Awissu.

Minn dawn l-iżviluppi, barra Jean Monnet, wieħed mill-ewwel jinduna li Paul-Henri Spaak li aċċetta l-ħatra ta' President ta' l-Assemblea Komuni tal-KEFA kien ukoll federalist, u li r-raġuni tassew għaliex kien irriżenja ma kinitx għaliex ir-Renju Unit kien qiegħed juri bruda lejn l-Ewropa, imma għaliex kien induna li l-Kunsill ta' l-Ewropa ma setgħax jiġi manipulat biex jiddawwar fi Stat Federali Ewropew kif kienu riedu l-federalisti internazzjonali.

Għaldaqstant, Paul-Henri Spaak kien irriżenja mill-Kunsill ta' l-Ewropa biex flimkien ma federalisti oħra jkomplu jaħdmu ħalli joħolqu Stat Federali Ewropew, li kif qed naraw ingħata bidu għalih bil-ħolqien tal-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

## Trattament ta' l-Aktar Pajjiż Favorit

Fl-10 ta' Novembru, il-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[13] kien iddeċieda li jagħti deroga lis-sitt Stati Membri tal-KEFA mit-trattament ta' l-aktar pajjiż favorit[14] biex ikunu jistgħu jonoraw l-obbligi tagħhom taħt it-Trattat KEFA.

It-trattament ta' l-aktar pajjiż favorit ifisser li pajjiż ikun qiegħed jagħti trattament lil pajjiż ieħor jew liċ-ċittadin tiegħu aħjar milli jagħti lill-oħrajn. Dan kien isir, fost affarijiet oħra, billi prodotti li kienu jiġu mpurtati minn dak il-pajjiż mingħand il-pajjiż l-ieħor kienu jitħallew jidħlu bi ħlas ta' dazju inqas minn dawk li jiġi mpurtati minn pajjiżi oħra.

---

[9] European Defence Community
[10] Komunita Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA)
[11] High Authority, li aktar tard saret il-Kummissjoni
[12] Common Assembly, li aktar tard sar il-Parlament Ewropew
[13] General Agreement on Tariffs and Trade GATT
[14] Most favoured nation treatment

Setgħu wkoll jitħallew jidħlu prodotti fi kwantitajiet akbar milli kienu jitħallew jiġu mpurtati minn pajjiżi oħra, kif ukoll li l-pajjiż li jkun qiegħed jagħti vantaġġi lill-pajjiż l-ieħor kien anki jbiegħlu affarijiet bi prezz inqas milli jkun ibiegħhom lil pajjiżi oħra.

Kien hemm affarijiet oħra wkoll, imma dak li kien isir kien li bil-passi li jkunu ttieħdu, pajjiż kien jingħata vantaġġi aktar milli jkollhom pajjiżi oħra biex ibiegħ il-prodotti tiegħu. Kien għalhekk li kien jingħad li pajjiż għandu trattament ta' l-aktar pajjiż favorit.

## L-Ewwel Levi fs-Sena 1953

Mill-1 ta' Jannar 1953 naraw li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kienu bdew iduqu xi jfisser li tkun fil-KEFA, għaliex minn dan il-jum kienet daħlet fis-seħħ l-ewwel taxxa Ewropea, jiġifieri l-ewwel levi tal-KEFA.

Huwa ċar li jekk tiddaħħal xi taxxa li ma kinitx hemm qabel, li f'dal każ issejħet levi, huma l-konsumaturi li b'xi mod fl-aħħar mill-aħħar jispiċċaw iħallsuha. Għaldaqstant, il-komsumaturi fil-KEFA mill-ewwel bdew biż-żjieda fit-taxxi li kellhom iħallsu.

## Jitwaqqaf is-Suq Komuni fil-Faħam u l-Azzar

Fl-10 ta' Frar kien twaqqaf is-Suq Komuni[15] fil-faħam u l-azzar, li bħala riżultat, is-sitt Stati Membri tal-KEFA neħħew id-dazju tad-dwana[16] u restrizzjonijiet kwantitattivi[17] ta' bejniethom f'din il-materja prima[18].

It-tneħħija tad-dazju tad-dwana kienet tfisser li din il-materja prima bdiet tmur minn Stat Membru għall-ieħor bla ma tħallas dazju. Waqt li dan kien ifisser li min-naħa din il-materja prima se tkun tiswa inqas meta tiġi mpurtata, min-naħa l-oħra kien ifisser li d-dħul inqas li l-Gvernijiet kien se jkollhom mit-telf tad-dazji riedu jġibuh minn xi mkien ieħor.

Għaldaqstant, dan il-pass kien ifisser biss li waqt li jitneħħa d-dazju minn fuq il-materja prima, riedu jiddaħħlu taxxi oħra minfloku ħalli d-dħul tal-Gvernijiet ma jonqosx. Qed taraw kif dejjem ikunu ċ-ċittadini li jmorru minn taħt waqt li l-prodotturi u l-importaturi jitnaqqsulhom l-ispejjeż fis-sistema kapitalista?

Barra minn hekk, l-Istati Membri kien ikollhom inċentiv biex jipproduċu iżjed ħalli jbiegħu iżjed lill-oħrajn biex iġibu dak li kienu tilfu mid-dazju. Dan kien wassal biex aktar tard kienet inħolqot problema kbira fil-KEFA minħabba li l-Istati Membri tant kienu qed jipproduċu faħam, li kellhom muntanji kbar ta' faħam li ma kienx qiegħed jinbiegħ għax kienu faqgħu s-suq.

## Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-KEFA

Fis-7 ta' Marzu kien ippubblikat ir-regolament dwar il-proċedura[19] tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[20], liema regolament kien ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali[21] tal-KEFA. Għaldaqstant, mil-lum setgħu jsiru appelli quddiem din il-Qorti kif kien maħsub fit-Trattat KEFA, jew kif inhu magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Pariġi.

---

[15] Common Market
[16] Customs duty
[17] Quantitative restrictions
[18] Raw materials
[19] Procedure regulation
[20] European Court of Justice
[21] Official Journal

## L-Ewwel Passi lejn Għaqda Politika

Fid-9 ta' Marzu, Paul-Henri Spaak li kien President ta' l-Assemblea[22] Komuni li kienet twaqqfet taħt it-Trattat KEFA fl-10 ta' Settembru 1952, kien ta lil G. Bidault li kien President tal-Kunsill tal-KEFA, abbozz ta' Trattat[23] biex titwaqqaf Komunita' Politika Ewropea[24].

Għaldaqstant, kienu bdew jittieħdu l-passi biex mhux biss jitwaqqaf Stat Federali Ewropew kif kien maħsub mill-federalisti internazzjonali, imma kienu qed jittieħdu l-passi biex tinħoloq Komunita' oħra fil-qasam politiku, waqt li jkomplu jinħolqu wkoll l-istituzzjonijiet ewlenin li wieħed normalment isib fi Stat Federali.

Fil-fatt, l-abbozz tat-Trattat kien jipprovdi biex din il-Komunita' Politika Ewropea jkollha l-għan li tħares id-drittijiet tal-Bniedem u drittijiet fundamentali[25], tiggarantixxi s-sigurta' ta' l-Istati Membri kontra l-aggressjoni[26], tiżgura l-koordinazzjoni tal-politika barranija ta' l-Istati Membri[27], u li progressivament twaqqaf is-Suq Komuni[28].

Dan l-abbozz kien jaħseb għal ħames istituzzjonijiet, li kienu,

1. Kunsill Eżekuttiv Ewropew[29]
2. Parlament b'żewġ kmamar[30]
3. Kunsill ta' Ministri Nazzjonali[31]
4. Qorti tal-Ġustizzja u[32]
5. Kumitat Ekonomiku u Soċjali[33]

Jista' jkollok xhieda aktar minn hekk tal-mixja lejn Stat Federali bil-ħolqien ta' dawn l-istituzzjonijiet li tlieta minnhom isibhom żgur f'kull Stat, jiġifieri il-Parlament, l-Eżekuttiv u l-Qrati, waqt li l-oħrajn jistgħu wkoll ikunu jinstabu fi Stat?

Jista' jkollhom xhieda aktar minn hekk kif il-federalisti internazzjonali kien irnexxilhom jidħlu f'pożizzjonijiet ta' poter biex ikunu jistgħu jinfluwenzaw l-iżviluppi, speċjalment fl-istituzzjonijiet tal-KEFA, biex dak li kienu ppjanaw qabel u matul il-gwerra dwar il-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew ikunu jistgħu jwettquh bl-inqas tfixkil possibbli?

---

[22] Aktar tard kienet saret il-Kummissjoni
[23] Draft Treaty
[24] Political European Community
[25] Human rights and fundamental rights
[26] Guaranteeing the security of member States against aggression
[27] Ensuring the coordination of Member States' external policy
[28] Progressively establishing the Common Market
[29] European Executive Council
[30] A two-chamber Parliament
[31] Council of National Ministers
[32] Court of Justice
[33] Economic and Social Committee

## Suq Komuni fil-Ħadid Mormi

Fil-15 ta' Marzu kien twaqqaf Suq Komuni fil-qasam tal-ħadid mormi[34]. Hawnhekk nibdew naraw li l-KEFA, jew aħjar l-istituzzjonijiet imwaqqfa mit-Trattat KEFA, kienu bdew jieħdu l-poter mingħand l-Istati Membri biex jikkontrollaw dak il-qasam li huma jidħlu fih.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li jekk l-istituzzjonijiet tal-Komunita', u dan jgħodd ukoll għall-Komunitajiet KEE u KEEA li kienu twaqqfu aktar tard, jagħmlu xi regolamenti f'xi qasam partikolari, dak il-qasam jispiċċa minn taħt idejn l-Istati Membri u jibda jiġi regolat mill-istituzzjonijiet tal-Komunita'. Dan se narawha aktar tard permezz ta' sentenzi tal-Qorti.

## Il-Komunita' Tidħol Minflok l-Istati Membri

Fit-12 ta' Awissu, il-KEFA u l-Għaqda Dinjija tax-Xogħol[35] kienu ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni[36] bejniethom. Hawnhekk naraw li l-Komunita' bdiet tidħol minflok l-Istati Membri meta kienet iffirmat dan il-ftehim.

Dan ifisser li l-Komunita' kienet bdiet tieħu għaliha drittijiet mingħand l-Istati Membri li kull Stat għandu skond il-liġi internazzjonali, fosthom li jiffirma u jidħol fi Trattati u ftehim ma' pajjiżi oħra u ma' organizzazzjonijet internazzjonali.

Biex wieħed jifhem aħjar, kull pajjiż jista' jissejjaħ bħala Stat nazzjon, indipendenti, ħieles u Sovran, bid-drittijiet kollha tiegħu, jekk ikollu ċerti kriterji skond il-liġi internazzjonali.

Dawn jinkludu li jkollu territorju tiegħu, popolazzjoni, kontroll effettiv fit-territorju tiegħu, u li jkun kapaċi jkollu u jżomm relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati oħra.

Flimkien ma Stati oħra, wieħed issa jista' jżid ukoll relazzjonijiet ma' persuni internazzjonali, jiġifieri bħal ma huma organizzazzjonjiet internazzjonali u anki regjonali li jkollhom personalita' legali[37].

Dawn m'humiex kriterji stretti li bilfors iridu jkunu preżenti f'dak l-Istat il-ħin kollu, kollha f'daqqa, għaliex mhux dejjem ikun possibbli jkunu jistgħu jinstabu kollha flimkien fl-istess ħin minħabba ċirkostanzi partikolari li jista' jkun hemm f'dak it-territorju.

Madankollu, wieħed mill-kriterji mportanti huwa li dak l-Istat ikun kapaċi li jkollu relazzjonijiet ma' Stati oħra kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

---

[34] Common Market in scrap iron
[35] International Labour Organisation ILO
[36] Co-operation agreement
[37] Meta jingħad li Stat jew organizzazzjoni jkollhom personalita' legali jfisser li huma jkollhom drittijiet u jkunu jistgħu jfittxu u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom kontra min jiksirhom, u fl-istess ħin ikollhom dmirijiet li jħarsu d-drittijiet ta' ħaddieħor, u jekk huma jiksru d-drittijiet ta' ħaddieħor ikunu jistgħu jiġu mfittxija għad-danni.

Għaldaqstant, meta l-KEFA bdiet tagħmel ftehim ma' Stati jew Organizzazzjonijiet internazzjonali bħal ma hija l-Għaqda Internazzjonali tax-Xogħol tal-Ġnus Magħquda, hija mhux biss kienet qed teżerċita' wieħed mill-funzjonijiet ta' Stat nazzjon, imma kienet qed tieħu dawk id-drittijiet mingħand l-Istati Membri tagħha.

Dan iwassal biss għal żewġ riżultati. It-Twaqqif ta' Stat Federali; u li kull Stat Membru ta' dak l-Istat Federali[38] bħala **Stat Nazzjon Indipendenti, Ħieles u Sovran** jispiċċa minħabba li ma jkunux jistgħu jagħmlu ftehim huma ma' terzi pajjiżi u organizzazzjonjiet oħra, għaliex dak id-dritt ikun għadda għand l-Istat Federali, fil-każ tagħna l-Unjoni Ewropea.

[38] Bħal ma hija jew se ssir kif kien minn dejjem ippjanat li ssir l-Unjoni Ewropea

## Żviluppi Matul is-Sena 1954

Fil-11 ta' Mejju 1954, it-Taljan Alcide de Gasperi kien ġie elett bħala l-ewwel President ta' l-Assemblea Parlamentari Ewropea[39].

## Franza ma Ċċedix is-Sovranita' fuq id-Difiża

Bejn l-20 u t-23 ta' Awissu, is-sitt Stati Membri tal-KEFA kienu ltaqgħu bejniethom ġewwa Brussell, fil-Belġju. Il-Franċiż Pierre Mendez France ma kienx irnexxa fit-talba tiegħu biex inaqqas il-karattru supranazzjonali tal-Komunita' Ewropea ta' Difiża[40]. Għaldaqstant, fit-30 ta' Awissu, l-Assemblea Nazzjonali Franċiża kienet ċaħdet it-Trattat tal-Komunita' Ewropea ta' Difiża.

Hawnhekk naraw li għalkemm Franza kienet ċediet is-sovranita' tagħha għal dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-faħam u l-azzar lill-Awtorita' Għolja tal-KEFA, l-Assemblea Nazzjonali Franċiża ma riditx li ċċedi s-sovranita' tagħha fejn tidħol id-difiża.

Fil-fatt, minħabba li l-Komunita' Ewropea ta' Difiża kellha tingħata ċerti poteri li kienu se jġibuha fuq l-Istati Membri tagħha, l-Assemblea, jiġifieri l-Parlament Franċiż, kienet ċaħdet it-Trattat tagħha.

Iċ-ċaħda ta' Franza turi wkoll kemm il-karattru supranazzjonali ta' l-istituzzjonijiet ta' Komunita' jagħmlu lill-istess Komunita' Stat Federali fejn is-**Sovranita'** tispiċċa mingħand l-Istati Membri u tgħaddi għand il-Komunita' bħala Stat Federali.

Wara li kienet saret il-Konferenza ta' Londra, fl-20 ta' Ottubru ġewwa Pariġi, fi Franza, kienu ffirmati l-qbil li kienu ntlaħqu dwar it-Trattat ta' Brussell, u l-Għaqda Ewropea tal-Punent[41] daħlet fis-seħħ.

## Jean Monnet Jirriżenja mill-Awtorita' Għolja

Minħabba li t-Trattati biex titwaqqaf il-Komunita' Ewropea ta' Difiża kienu fallew, Jean Monnet kien irriżenja minn President ta' l-Awtorita' Għolja tal-KEFA fl-10 ta' Novembru, kif kien għamel qablu Paul Henri-Spaak li kien irriżenja minn President ta' l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa minħabba l-iskuża ta' l-attitudni bierda tar-Renju Unit lejn l-Ewropa.

Minn din ir-riżenja ta' Jean Monnet inkomplu naraw kemm il-federalisti internazzjonali kienu ċaħdu għal kollox il-prinċipju ta' Stat Nazzjon, u kif bdew tattika li jekk ma jilħqux l-għanijiet tagħhom jirriżenjaw anki minn għaqdiet oħra biex jagħmlu pressjoni fuq il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri.

L-istess riżenja turi wkoll kif l-għanijiet li riedu joħolqu Komunita' Ewropea ta' Difiża ma kinux tassew u limitati biss biex l-Istati Membri tagħha jgħinu lil xulxin jekk xi wieħed minnhom jiġi attakkat, imma biex joħolqu Komunita' Federali fejn l-istituzzjonijiet federali tagħha jiddeċiedu u l-Istati Membri jobdu dak li jkun ġie deċiż.

---

39 European Parliamentary Assembly
40 European Defence Community
41 Western European Union

B'hekk naraw ukoll li l-federalisti internazzjonali ma kinux fetħu l-attakk tagħhom fuq front wieħed biss, imma wara li ma kienx irnexxilhom li jdawwru lill-Kunsill ta' l-Ewropa fi Stat Federali, ippruvaw joħolqu kemm jistgħu Komunitajiet bl-istituzzjonijiet Federali tagħhom biex meta jasal il-waqt jingħaqdu flimkien, kif ġara bil-Komunitajiet[42] differenti meta nħolqot l-Unjoni Ewropea.

## L-Ewwel Deċiżjoni tal-Qorti tal-KEFA

L-ewwel deċiżjoni tal-Qorti tal-KEFA, li wara saret ukoll il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej u issa hija l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, kienet tat l-ewwel deċiżjoni tagħha fil-21 ta' Diċembru.

Franza kienet fetħet kawza kontra l-Awtorita' Għolja[43] minħabba Deċiżjonijiet[44] li kienet ħadet dwar il-kontroll tal-prezzijiet.

Is-sentenza tal-Qorti turi kemm l-Istati Membri kienu taw setgħat lill-istituzzjonijiet tal-KEFA u kif ġew sottomessi lejhom, kif ukoll kif l-istess istituzzjonijiet bdew ikabbru huma stess il-poteri li kienu ingħataw. Fost affarijiet oħra, il-Qorti tal-KEFA, issa ta' l-Unjoni Ewropea, qalet li,

**"Meta addottat il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' Artiklu 60, l-Awtorita' Għolja ma kellhiex biss dritt imma dmir li tagħti każ ta' l-għanijiet kollha magħmula fl-Artikli 2, 3 u 4, bħal ma huwa li tiffissa l-prezzijiet fl-aktar livell baxx possibbli u l-attentati li ma tħallix li jsiru ftehim ipprojbiti. Konsegwentament, biex tilħaq dawn l-aħħar żewġ għanijiet, l-Awtorita' Għolja m'hijiex marbuta li tirrestrinġi lilha nfisha esklussivament għall-miżuri pprovduti fl-Artikli 61 u 65."[45]**

Mhux biss, imma l-Qorti kompliet tgħid li,

**"Fejn ikun qiegħed jiġi segwit aktar minn għan wieħed, anki jekk is-sisien għal deċiżjoni jinkludu sisien mhux validi flimkien ma' l-oħrajn validi, dan ma**

[42] KEFA, KEE, KEEA

[43] French Republic v High Authority of the European Coal and Steel Community Case 1-54 Judgment of the Court of 21 December 1954 European Court reports English special edition 1954-1956 Page 00001

[44] 1/54 ECSC High Authority: Décision No 1-54 of 7 January 1954 amending Décision No 30-53 of 2 May 1953 concerning practices prohibited by Article 60 (1) of the Treaty in the common market for coal and steel Official Journal 001, 13/01/1954 p. 0217 – 0217 English special edition Series-I (52-58) p. 14
2/54 Décision N 2-54 du 7 janvier 1954 modifiant la décision N 31-53 du 2 mai 1953 relative aux conditions de publicité des barèmes de prix et conditions de vente pratiqués dans les entreprises des industries de l'acier Official Journal L 001, 13/01/1954 P. 0218 – 0219

[45] "When adopting the measures necessary fot the implementation of Article 60, the High Authority has not merely a righ but a duty to take into account all the aims laid down in Articles 2, 3, and 4, such as the fixing of prices at as low a leval as possible and the attempt to prevent prohibited agreements. Consequently, in order to achieve the latter two aims, the High Authority is not bound to confine itself exclusively to the measures provided for in Articles 61 and 65."

**jagħmlix id-deċiżjoni invalida minħabba użu ħażin ta' poter, sakemm dik id-deċiżjoni ma tissagrifikax l-għan ewlieni."[46]**

Minn dawn l-affarijiet jidher ċar daqs il-kristall kemm l-istituzzjonijiet tal-KEFA bħala l-ewwel Komunita' Ewropea kienu bdew jinterpretaw it-Trattat b'tali mod biex jagħtu lilhom infushom aktar setgħat milli l-Istati Membri oriġinarjament kienu ħasbu li qed jagħtuhom meta kienu ffirmaw u rratifikaw it-Trattat.

Huwa ironiku li waħda mill-Komunitajiet Ewropej li l-Gvern Nazzjonalista ried idaħħalna fihom meta' kien applika biex isieħeb lil Malta kienet il-KEFA, li l-ewwel regolamenti ta' l-Awtorita' Għolja tagħha kienu dwar il-kontroll tal-prezzijiet, fosthom li bejjiegħ ma setgħax ibiegħ prodott bi prezz aktar milli kien ikun immarkat.

Għaldaqstant, tidher aktar l-ipokrezija tal-Gvern u tal-kelliema Nazzjonalisti li meta l-Gvern Laburista kien għamel il-kontroll tal-prezzijiet kienu qajjmu l-irwiefen kollha, xewxu kemm felħu u rewwħu l-ġamar biex ifixklu lill-Gvern Laburista li ried jikkontrolla l-prezzijiet biex jipproteġi lill-konsumatur.

---

[46] "Where more than one aim is being pursued, even if the grounds for a decision include improper grounds in addition to the valid ones, this would not make the decision invalid for misuse of powers, provided that the decision does not sacrifice the main aim."

## Is-Sena 1955

Fl-1 ta' Ġunju 1955, Rene Mayer kien ġie elett bħala l-President ta' l-Awtorita' Għolja minħabba li kif għedt aktar qabel, Jean Monnet kien irriżenja fl-10 ta' Novembru tas-sena ta' qabel, jiġifieri tas-sena 1954.

Bejn l-1 u t-2 ta' Ġunju, kienet saret laqgħa ġewwa Messina, fl-Italja, bejn il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tas-sitt Stati Membri tal-KEFA, bil-għan li jintegraw il-pajjiżi tagħhom fil-qasam ekonomiku[47].

L-integrazzjoni tal-pajjiżi tagħhom fil-qasam ekonomiku tfisser li jwaħħdu l-oqsma ekonomiċi tagħhom, jigifieri jgħaqqduhom kollha flimkien b'mod li jsiru qasam wieħed.

Huwa ovvju li dan il-qasam ikun ikkontrollat mill-istituzzjonijiet tal-Komunita' biex, kif suppost, ħadd minnhom ma jagħmel affarijiet li jkunu jaqblu għalih imma li jistgħu ma jkunux jaqblu għall-oħrajn. Xi jkun dan jekk mhux kontroll minn istituzzjonijiet federali?

Fit-23 ta' Ottubru, Saarland, li kellha l-awtonomija, kienet iddeċiediet permezz ta' referendum li tiċħad l-awtonomija tagħha u li ssir parti mill-Ġermanja.

## Bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa

Fit-8 ta' Diċembru, il-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa kien iddeċieda li jaddotta l-bandiera blu bi tnax-il stilla kulur id-deheb f'ċirku. Din se narawha aktar 'il quddiem minħabba li l-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, serqet il-bandiera tagħha mill-Kunsill ta' l-Ewropa u ma kelliex il-ħila tagħmel waħda oriġinali tagħha.

[47] Economic front

## Żviluppi fs-Sena 1956

### Ċirkolazzjoni Ħielsa ta' Prodotti

Fis-7 ta' Jannar 1956, l-Awtorita' Għolja tal-KEFA kienet ikkonfermat il-prinċipju taċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunita' ta' prodotti ta' l-azzar impurtati minn terzi pajjiżi, jiġifieri pajjiżi li ma kinux membri tal-KEFA.

Dan kien ifisser li jekk prodott kien jiddaħħal fi Stat Membru, dak il-prodott kien jista' jittieħed f'kull Stat Membru ieħor bla ebda xkiel.

Għaldaqstant, l-Istati Membri ma setgħu jagħmlu ebda xkiel biex dak il-prodott ma jmurx għandhom minkejja li huma ma jkunu daħħlu ebda dazju, imma d-dazju jkun daħħlu biss Stat Membru ieħor li fih kien ikun ġie mpurtat.

Waqt li jagħmel sens li prodotti jmorru minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor bla ebda xkiel meta' dawk il-prodotti jkunu magħmula f'xi wieħed mill-Istati Membri, ma kienx jagħmel sens li prodotti mpurtati minn terzi pajjiżi jagħmlu l-istess speċjalment meta d-dazju kien jitħallas f'dak l-Istat Membru li l-prodotti jkunu ġew impurtati fih.

Wieħed jista' jqabbel dan ma prodotti li jiddaħħlu f'Malta li jħallsu dazju malli jgħaddu mid-dwana.

La darba jkunu daħlu u d-dazju jkun tħallas, il-prodotti jkunu jistgħu jmorru lejn kull belt u raħal f'Malta u f'Għawdex bla ma jerġgħu jħallsu dazju, għaliex il-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin m'humiex Stati indipendenti, ħielsa u sovrani, imma huma biss parti mill-gżejjer Maltin.

Dan ifisser li t-territorju ta' kull belt u raħal f'Malta u f'Għawdex huwa meqjus bħala **territorju ta' Malta** u jaqa' taħt il-liġijiet Maltin, u ebda belt jew raħal ma tista' titlob li xi prodott jerġa' jħallas xi dazju.

Fi kliem ieħor, kull belt u raħal f'Malta u f'Għawdex huwa suġġett għall-Istat Malti u ma jistax jeżerċita' funzjoni ta' Stat ħieles, indipendenti u sovran.

Dan huwa eżempju mill-aktar ċar ta' kif l-Istati Membri huma meqjusa fl-Unjoni Ewropea bħal ma huma meqjusa l-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin fl-eżempju li għadni kif tajt.

La darba prodott jiddaħal fit-territorju ta' xi Stat Membru, minħabba li t-territorju ta' kull Stat Membru huwa meqjus bħala **territorju ta' l-Unjoni Ewropea**, ebda Stat Membru ma jista' jimponi xi dazju biex dak il-prodott jitħalla jiddaħħal fit-territorju tiegħu.

Kif ingħad hawn Malta, minn dak iż-żmien kien diġa' qiegħed jiġi applikat il-prinċipju li la l-Unjoni Ewropea trid hekk, ikollu isir hekk. F'dan il-każ, la l-Awtorita' Għolja riedet hekk, kellu jsir hekk.

## Spaak Jippreżenta r-Rapport Tiegħu

Fis-6 ta Mejju, Paul-Henri Spaak li kien il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Belġju, ippreżenta lill-kollegi tiegħu tal-KEFA rapport dwar abbozzi ta' Trattati għall-ħolqien tal-Komunita' Ekonomika Ewropea[48] u l-Komunita' Euratom dwar l-Enerġija Atomika[49].

Ir-rapport ta' Paul-Henri Spaak kien ġie approvat fid-29 ta' Mejju waqt laqgħa li l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin kellhom ġewwa Venezja, fl-Italja. Waqt din il-laqgħa, il-Ministri kienu ddeċiedew li jiftħu n-negozjati bejn il-gvernijiet biex isiru żewġ trattati oħra.

Dawn it-Trattati kellhom l-għan li jwaqqfu Komunita' Ekonomika Ewropea u Komunita' Ewropea għall-Enerġija Atomika kif kien hemm fir-rapport Spaak. In-negozjati dwar it-testi tat-trattati kienu fetħu fis-26 ta' Ġunju ġewwa Brussell, fil-Belġju.

[48] European Economic Community EEC (KEE)
[49] European Atomic Energy Community (EURATOM) (KEEA)

## Żvuppi fis-Sena 1957

Fis-25 ta' Marzu 1957, it-Trattati li waqqfu l-Komunita' Ekonomika Ewropea (EEC – KEE) u l-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (EAEC - KEEA) kienu ġew iffirmati mis-sitt Stati membri tal-KEFA, jiġifieri mil-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Olanda.

Minħabba li dawn it-Trattati kienu ġew iffirmati ġewwa Ruma, fl-Italja, huma magħrufa bħala t-"Trattati ta' Ruma".

## Għaliex Saru Zewġ Trattati

Irid jingħad li Franza kienet il-kaġun li saru zewġ Trattati separati biex twaqqfu l-KEE u l-KEEA. Wieħed irid jiftakar li dak iż-żmien kienet għadha friska l-memorja tat-tieni gwerra dinjija u l-użu ta' l-armi atomiċi mill-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq il-Ġappun.

L-użu ta' dawn il-bombi atomiċi fuq il-bliet Ġappuniżi ta' Hiroshima[50] u Nagasaki[51] kien wassal biex mijiet ta' eluf ta' nies ċivili jmutu immedjatament u eluf kbar oħra jmutu bi tbatijiet kbar minħabba ħruq u l-effetti tar-radjazzjoni. Mijiet ta' eluf oħra mietu maż-żmien minħabba l-effetti tar-radjazzjoni atomika.

L-użu ta' l-armi atomiċi kien wassal lill-pajjiżi l-kbar biex jibdew ifittxu u jiżviluppaw huma wkoll it-teknoloġija ta' dawn l-armamenti, kemm minħabba li ħassewhom mhedda mill-Istati Uniti, kif ukoll minħabba sens ta' prestiġju.

Għaldaqstant, kienet bdiet it-telllieqa għal dawn l-armamenti li wasslet biex kemm l-Unjoni Sovjetika kif ukoll iċ-Ċina jiżviluppaw dawn l-armamenti.

Min-naħa l-oħra, anki r-Renju Unit u Franza fittxu li jiżvilupaw it-teknoloġija meħtieġa għal dawn l-armamenti tal-qerda tal-massa.

Wieħed ma jridx jinsa li Franza u r-Renju Unit, flimkien ma' Stati oħra Ewropej, kienu pajjiżi kolonizzaturi li kellhom il-kolonji tagħhom, għalkemm kien hemm min minhom li diga' kien tilef xi kolonji.

## Franza Pajjiż Kolonjali

Franza, li kienet ukoll pajjiż kolonjali li kellha u għad għandha l-kolonji tagħha[52], u minkejja li kienet spiċċat imfarrka fit-tieni gwerra dinjija, kellha kull interess mhux biss li tipprova żżomm il-kolonji tagħha, imma li hija wkoll tiżviluppa t-teknoloġija

---

[50] Il-Bomba atomika intefgħet fuq Hiroshima fis-16 ta' Lulju 1945. Bejn 340,000 u 350,000 kienu esposti għar-radjazzjoni fejn madwar 140,000 kienu mietu sa' l-aħħar tas-sena 1945. Persuna esposta għar-radjazzjoni għandha riskju ta 5 darbiet aktar minn persuni oħra li taqbada l-leukemja barra tipi ta' kankri oħra. It-temperatura fil-post ta' l-isplużjoni ġiet stmata li kienet madwar 1,000,000 grad ċentigradi, waqt li permezz ta' bomba normali tkun ta' madwar 5,000 grad ċentigradi

[51] Minn popolazzjoni ta' 240,000, 73,884 kienu mietu sa Diċembru 1945 u 74,909 kienu midruba

[52] Magħrufa bħala overseas territories li huma, Guadeloupe, Mayotte, Saint Martin, New Caledonia, Chesterfield Island, Martinique, French Polynesia, Austral Island, Clipperton, Marquesas Island, Saint Pierre & Miquelon, Reunion, Europa, Glorioso Island, Juan de Nova, Tromelin, Crozet, Kerguelen Islands, Ansterdan and St Paul, Wallis and Futuna, French Guiana, Korsica

atomika u nukleari tagħha. Mhux biss, imma kienet għadha tridha ta' pajjiż kbir u b'saħħtu.

Għalkemm hemm xi wħud mit-territorji li huma kbar u hemm nies joqgħodu fihom, hemm oħrajn li huma żgħar u bla nies, imma huwa fl-interess ta' Franza bħal ma hu fl-interess ta' pajjiżi kolonizzaturi oħra li jżommuhom minħabba li jista' jkollhom riservi kbar ta' żejt, gass u minerali oħra, kemm fit-territorju stess kif ukoll fl-ibħra li skond il-liġi internazzjonali jkunu ta' dak it-territorju.

Wieħed ma jistax jinsa l-ex kolonji Franċiżi fil-Mediterran stess, bħal ma huma l-Libanu, it-Tuneżija, kif ukoll l-Alġerija, fejn kellha ssir gwerra mdemmija għall-indipendenza, biex ma nsemmix il-kolonji li kellha fil-Lvant Imbiegħed bħal ma kellhom pajjiżi kolonizzaturi oħra.

**Raġunijiet**

Irid jingħad ukoll li t-tellieqa għal dawn l-armamenti tal-qerda tal-massa kif ukoll id-differenzi idejoloġiċi bejn l-Istati Uniti u l-pajjiżi Ewropej tal-Punent fuq naħa u l-Unjoni Sovjetika u l-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant li kienu waqgħu taħtha kienet wasslet ukoll għal din it-tellieqa.

Kienet wasslet ukoll biex kienet twaqqfet in-NATO min-naħa ta' l-Istati Uniti u l-pajjiżi tal-Punent, waqt li min-naħa l-oħra kien twaqqaf il-Patt ta' Varsavja mill-Unjoni Sovjetika u l-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant.

Għalkemm din is-sitwazzjoni ta' konfrontazzjoni ma kinitx xi waħda sabiħa għaliex zball seta' jwassal għal xi gwerra u fil-fatt kienet wasslet għal dik li baqgħet magħrufa bħala l-gwerra bierda, fl-istess waqt kienet żammet ċerta' stabbilita' fl-Ewropa bejn il-pajjiżi tal-Punent u l-pajjiżi tal-Lvant.

Għaldaqstant, meta aktar tard kienet sfaxxat l-Unjoni Sovjetika u l-Patt ta' Varsavja, kien inħoloq vojt ta' poter[53] fl-Ewropa li wassal biex Stati jinqasmu bejniethom u joħolqu Stati ġodda.

Madankollu, l-aktar ta' tħassib kien u għadu n-numru kbir ta' armamenti nukleari u m'humiex li setgħu faċilment jintużaw minn xi ħadd irrisponsabbli jew li setgħu jaqgħu f'idejn it-terroristi. Madankollu, ħalli nerġgħu lura lejn Franza fis-snin ħamsin.

Franza riedet tiżviluppa wkoll l-armamenti nukleari tagħha mhux biss minħabba sens ta' prestiġju, imma anki minħabba li l-President Amerikan seta' jordna l-użu ta' l-armamenti nukleari mill-forzi tan-NATO li kienu stazzjonati fil-pajjiżi ta' l-Ewropa bla ma qabel ikun informa lill-allejati tiegħu msieħba fin-NATO, inkluż l-istess pajjiż li minnu jkun se jsir l-użu ta' dawn l-armamenti.

Din il-pożizzjoni, jew aħjar sitwazzjoni, qatt ma kienet ġiet aċċettata minn Franza, speċjalment mill-President Franċiż Charles de Gaulle. Għaldaqstant, Franza mxiet 'il quddiem biex tiżviluppa d-deterrent nukleari tagħha distint u separat minn dak tan-NATO u l-allejati l-oħra.

[53] Power vacuum

Anki llum Franza għadha ssostni li tuża dawn l-armamenti jekk ikollha l-ħtieġa. Fil-fatt, meta Franza kienet iffirmat l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fit-18 ta' Lulju 1998, hija kienet għamlet dikjarazzjoni li biha żammet id-dritt li tuża l-armi nukleari u anki armi oħra għad-difiża tagħha[54].

**Immunitajiet u Drittijiet**

Fis-17 ta' April kienu ġew iffirmati ġewwa Brussell, fil-Belġju, il-protokolli fuq il-privileġġi u l-immunitajiet mogħtija lill-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll fuq l-istatut tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, jiġifieri dik li issa hija l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Fit-8 ta' Ottubru, l-Awtorita' Għolja tal-KEFA intalbet mill-Kunsill tagħha biex tipprepara politka ġenerali fuq l-enerġija.

Dan kien ifisser li l-Komunita' kienet qed taħseb biex tidħol ukoll f'dan il-qasam li mbagħad jispiċċa minn taħt il-kontroll ta' l-Istati Membri u jgħaddi taħt il-kontroll tagħha.

Fis-27 ta' Novembru kien inbidel il-President tal-Parlament Ewropew li dak iż-żmien kien għadu magħruf bħala l-Assemblea Komuni fejn kien inħatar Hans Furler bħala President.

[54] Paragrafu 2 tad-Dikjarazzjoni "Il-provvedimenti ta' artiklu 8 ta' l-Istatut, partikolarment 2(b) tiegħu, għandhom x'jaqsmu biss ma armi konvenzjonali u ma jistgħux jirregolaw u lanqas jipprojbixxu l-użu possibbli ta' armi nukleari u lanqas jnaqqsuu regoli oħra ta' liġi internazzjonali applikabbli għal armi oħra meħtieġa fl-eżerċizzju minn Franza ta' d-dritt tagħha ta' difiża, sakemm l-armi nukleari u armi oħra hawnhekk ikunu suġġett fil-futur ta' projbizzjoni komprensiva, u jkunu speċifikati fl-anness ta' l-Istatut permezz ta' emenda addottata soknd il-provvedimenti ta' artikli 121u 123"
Paragraph 2 of the French Declaration "The provisions of article 8 of the Statute, in particular paragraph 2 (b) thereof, relate solely to conventional weapons and can neither regulate nor prohibit the possible use of nuclear weapons nor impair the other rules of international law applicable to other weapons necessary to the exercise by France of its inherent right of self-defence, unless nuclear weapons or the other weapons referred to herein become subject in the future to a comprehensive ban and are specified in an annex to the Statute by means of an amendment adopted in accordance with the provisions of articles 121 and 123."

## Is-Sena 1958

Fl-1 ta' Jannar kienu daħlu fis-seħħ it-Trattati ta' Ruma, jiġifieri t-Trattati KEE u KEEA, li kienu waqqfu dawn il-Komunitajiet ġewwa Brussell, fil-Belġju. L-Assemblea Parlamentari li kienet twaqqfet ġewwa l-Lussemburgu u l-Qorti tal-Ġustizzja kienu komuni għat-tliet Komunitajiet.

Fis-7 ta' Jannar kien inħatar Walter Hallstein bħala President tal-Kummissjoni tal-KEE, waqt li Louis Armand kien inħatar bħala President tal-Kummissjoni tal-KEEA.

Min-naħa l-oħra, Paul Finet kien inħatar bħala President ta' l-Awtorita' Għolja tal-KEFA. Għaldaqstant naraw li kien hemm żewġ Kummissjonijiet u Awtorita' Għolja, jiġifieri tliet istituzzjonijiet għat-tliet Komunitajiet.

Fis-26 tax-xahar, is-sitt Stati Membri kienu ddeċidew li joħolqu Kumitat ta' Rappreżentanti Permanenti (COREPER) biex jipprepara x-xogħol għall-Kunsilli. Dan għaliex anki l-Kunsilli kienu baqgħu separati għat-tliet Komunitajiet, jiġifieri kien hemm Kunsill kull wieħed għall-KEFA, KEE u KEEA.

## Armonizzazzjoni tat-Tariffa tal-Faħam u l-Azzar

Fl-10 ta' Frar, l-Istati Membri armonizzaw it-tariffa fuq il-faħam u l-azzar. Franza u l-Italja kienu ingħataw deroga u t-tnejn kienu tħallew li jkomplu jitolbu tariffi għola fuq xi prodotti għal perjodu ta' sentejn.

Minn dan l-armonizzar wieħed jinduna li l-Istati Membri komplew fil-mixja tagħhom biex it-tariffi li kienu jitħallsu fuq il-faħam u l-azzar ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha. Madankollu, dan l-armonizzar ma jagħtix każ tal-pagi differenti li jkun hemm fl-Istati Membri differenti, imma kullħadd iħallas l-istess.

Din toħloq inġustizzja li tkompli tkabbar id-differenza bejn min ikun aktar b'saħħtu ekonomikament għax ikollu aktar paga u dawk li jkollhom inqas saħħa għaliex ikollhom inqas paga, għaliex minkejja li jkunu qed iħallsu l-istess, dawk li jkollhom inqas paga jkollhom joħorġu relattivament aktar mill-oħrajn għall-istess affarijiet meta mqabbla mal-paga tagħhom.

Biex nieħdu eżempju prattiku, jekk oġġett ikollu tariffa ta' Lm10.00 u hemm haddiem fi Stat Membru li għandu Lm100.00 paga waqt li ħaddiem fi Stat Membru ieħor għandu Lm50.00, dak li għandu Lm50.00 ikun qisu se jkollu joħroġ id-doppju mill-paga tiegħu biex iħallas il-levi meta mqabbel ma kemm joħroġ l-ieħor li għandu Lm100.00 paga meta jixtri dak l-oġġett.

Fi kliem ieħor, dak li jkollu paga ta' Lm.50.00 se jħoss il-piż ta' dik it-tariffa d-doppju ta' dak li jħossu min ikollu paga ta' Lm100.00.

Dan huwa l-istess dak li jiġri fit-taxxa inġusta tal-VAT, fejn kulħadd iħallas l-istess minkejja li jkollu dħul differenti. Huwa għalhekk li t-taxxa tal-VAT tissejjaħ taxxa immorali u inġusta, għax ma tħarisx lejn id-dħul ta' min ikun qiegħed iħallasha.

Madankollu, lill-Unjoni Ewropea dawn l-affarijiet ma jinteressawhiex. Li jinteressaha huwa mhux kemm għandek dħul, imma li kulħadd iħallas l-istess. L-istess qies, l-istess libsa, l-istess żarbun għal kulħadd, kemm jekk jiġuk kbar u kemm jekk jiġuk zgħar.

**Robert Schuman President ta' l-Assemblea**

Fid-19 ta' Marzu, saret is-sessjoni tat-twaqqif ta' l-Assemblea Parlamentari ġewwa Strasbourg, fi Franza, fejn Robert Schuman kien ġie maħtur bħala President. Din l-Assemblea Parlamentari kienet saret minflok dik li kienet twaqqfet mill-KEFA.

Hawnhekk irrid infakkar li dak iż-żmien, il-Membri Parlamentari Ewropej ma kinux jirrappreżentaw liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, għaliex huma kienu jiġu maħtura u mhux jiġu mtella bil-voti taċ-ċittidini.

**L-Ilsna Uffiċjali**

Fil-15 ta' April, il-Kunsill ħareġ l-ewwel regolament li kien waqqaf il-Ġermaniż, il-Franċiż, it-Taljan u l-Olandiż bħala ilsna uffiċjali tal-Komunitajiet. B'hekk naraw li l-ilsna li kienu mitkellma mill-Istati Membri saru ilsna uffiċjali tal-Komunitajiet.

Fl-20 tax-xahar kien ġie ppubblikat l-ewwel Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej li kien sar minflok il-Ġurnal Uffiċjali tal-KEFA.

Jumejn wara, jiġifieri fit-22 tax-xahar, il-Kunsill kien ħabbar l-ismijiet ta' dawk maħtura fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Aktar tard, fid-19 ta' Mejju, kienet inżammet laqgħa ġewwa Brussell, fil-Belġju, biex jiġi ffurmat dan il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

**L-1958 f'Malta**

Wieħed ma jistax jaqbeż is-sena 1958 bla ma jsemmi dak li kien ġara f'Malta, minħabba li f'din is-sena kienu saru ġrajjiet mill-aktar importanti fl-istorja tagħna. Din kienet sena li wriet id-determinazzjoni tal-Ġens Malti li jiġġieled għad-drittijiet tiegħu kontra l-barrani biex nieħdu l-ħelsien tagħna u nkunu sovrani f'pajjiżna.

Dak iż-żmien, il-Gvern Ingliż kien ried jerġa' jagħti s-sensji minn mas-servizzi Ngliżi, speċjalment mit-tarzna ta' Bormla li kienet ta' l-Ammiraljat, lill-eluf kbar ta' ħaddiema Maltin u Għawdxin li ma kienx se jkollhom fejn isibu jaħdmu.

Minn dejjem hekk kienet il-ħajja tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin taħt il-ħakma tal-barrani. Fil-gwerer jiġġieldu, jitqatlu u jinqatlu għall-barrani, u fil-paċi jitkeċċew minn xogħolhom u jbatu l-ġuħ flimkien mal-familji tagħhom.

Fil-gwerra kien ikollhom ix-xogħol u l-ikel, u fil-paċi kienu jintefgħu 'l barra bla xogħol u bil-ġuħ. Il-ħakkiem barrani dejjem hekk kien. Jużak meta' jkollu ħtieġa tiegħek, imbagħad jarmik bħal-lumija magħsura.

Wieħed irid jgħid ukoll li minkejja li r-Renju Unit qabel il-gwerra kien sinjur u jiftaħar li tant kien kbir u mifrux madwar id-dinja li x-xemx ma tinżel qatt fuq l-Imperu Ingliż, il-gwerra kienet farrket ekonomikament lir-Renju Unit għal kollox.

Madankollu, qabel inkompli fuq Malta, jinħtieġ li naraw ukoll xi ħaġa dwar il-Kanal tas-Suez għaliex anki din il-ġrajja hija marbuta sewwa ma Malta.

**<u>Il-Kanal tas-Suez</u>**

Wieħed irid jiftakar li s-sitwazzjoni ekonomika tar-Renju Unit kienet kompliet marret mill-ħażin għall-agħar wara l-falliment ta' l-avventura militari fl-Eġittu, meta flimkien ma' Franza u l-Israel kienu nvadew lill-Eġittu biex jieħdu lura l-Kanal tas-Suez li kien ġie nazzjonalizzat mill-President Eġizzjan Gamal Abdel Nasser.

Aktar qabel, Nasser kien mexxa rivoluzzjoni li kienet tajjret min-nofs lir-Re Eġizzjan, li ma kien xejn ħlief biċċa għodda f'idejn il-kolonjalist barrani biex iżomm il-ħakma tiegħu fuq il-poplu Eġizzjan.

L-avventura militari bejn ir-Renju Unit, Franza u l-Israel kienet saret biex barra li r-Renju Unit u Franza jieħdu lura l-Kanal tas-Suez, ir-Renju Unit jerġa' jieħu lura l-bażi militari li kien bena qabel il-gwerra li kienet swietlu madwar ħames mitt miljun lira sterlina, li għal dak iż-żmien ta' qabel il-gwerra kienet somma enormi.

Minkejja li l-Imperu Ingliż kien qabad it-triq tan-niżla u kien diġa' qiegħed jonqos sewwa, il-bażi fl-Eġittu u l-Kanal tas-Suez kienu għadhom meħtieġa biex jitħarsu l-interessi tar-Renju Unit fil-Lvant Nofsani u fil-Lvant Imbiegħed, kif ukoll biex kemm ir-Renju Unit kif ukoll Franza jerġgħu jieħdu lura l-ishma li kellhom fil-kumpanija li kienet tmexxi l-kanal tas-Suez qabel ġiet innazzjonalizzata minn Nasser.

Fl-istess waqt, Israel kien ikun jista' jassigura aktar il-fruntieri tiegħu minħabba l-attakki minn commandos Għarab, imsejjħa fedajjin, għaliex kienu jitqiesu li se jifdu lill-poplu Għarbi mill-Istat ta' Israel.

Wieħed irid jiftakar li l-Istat ta' l-Israel kien għadu kif twaqqaf fl-1948 bi ġlied kbir mal-pajjiżi Għarab minħabba li kien keċċa lill-poplu Palestinjan minn artu biex inħoloq l-Istat Israeljan.

L-interessi nazzjonali u militari ta' l-Israel li kien għadu kif jitwieled ftit snin qabel minħabba l-ġlied li kellu u għad għandu ma' l-Istati Għarab fir-reġjun huma ovvji, u s-sehem tiegħu fl-operazzjoni mill-Ingliżi u l-Franċiżi kienet ħaġa naturali, għalkemm il-mexxejja tiegħu kellhom dubji kbar fl-operazzjoni, ma kinux qed jafdaw lill-Ingliżi u lill-Franċiżi, u ma kinux se jieħdu sehem.

Biex ikomplu jirbħu l-kunfidenza ta' l-Israel, Franza kienet biegħet ukoll armamenti bil-moħbi lill-Israel, fosthom ajruplani u tankijiet tal-Gwerra, meta suppost li aktar qabel kien hemm ftehim biex il-partijiet fil-Lvant Nofsani, jiġifieri l-Israel u l-Istati Għarab, ma jingħatawx armamenti.

## Il-Pjan Għall-Invażjoni ta' l-Eġittu

Il-pjan għall-invażjoni ta' l-Eġittu kien li l-Israel jibgħat ftit commandos f'post magħruf bħala Mitla[55], li kien jinsab ftit 'il bogħod mill-Kanal tas-Suez imma viċin biżżejjed ta' l-Israel biex jiġu evakwati fi żmien qasir jekk xi ħaġa tmur ħażin, u meta jkunu qed jiġġieldu mat-truppi Eġizzjani, ir-Renju Unit u Franza jitolbuhom biex jieqfu minħabba li jkunu qed jipperikolaw in-navigazzjoni tal-bastimenti fil-Kanal tas-Suez.

Il-ftehim ma' l-Israel kien li l-ġlied ma' l-Eġizzjani kellu jibqa' għaddej biex l-Ingliżi u l-Franċiżi jkollhom skuża ħalli jinvadu l-Eġittu, kemm biex taparsi jisseparaw lill-ġellieda Israeliti u Eġizzjani, kif ukoll biex iħarsu l-Kanal tas-Suez.

Fl-istess waqt, il-forzi ta' l-ajru Ingliżi u Franċiżi kif ukoll dawk Israeliti li kellhom ikunu bla marki, kellhom jattakkaw u jfarrku l-forzi ta' l-ajru ta' l-Eġittu kif ukoll u flimkien ma bastimenti tal-gwerra jattakkaw portijiet fejn kien hemm il-forzi ta' l-Eġittu, fosthom Lixandra u Port Said, waqt li jużaw ukoll il-portijiet biex ikomplu bl-invażjoni.

Il-pjan kien seħħ kif miftiehem, imma l-Ingliżi u l-Franċiżi kellhom jirtiraw minħabba l-pressjoni Amerikana fuq ir-Renju Unit, inkluża pressjoni ekonomika, għaliex l-Istati Uniti kellha wkoll l-interessi tagħha fir-reġjun.

Wara kollox, kemm l-Amerika kif ukoll ir-Renju Unit u Franza kellhom interess kbir ħafna fil-kumpaniji taż-żejt minħabba li kien iħallilhom qliegħ kbir, ħafna aktar milli kienu jieħdu l-istess pajjiżi li ż-żejt kien tagħhom.

Kull pajjiż kbir, militari u kolonjalista kellu interessi fiż-żejt tar-reġjun kif għad għandhom s'issa, u jekk wieħed jeżamina l-istorja jsib li kienu wara rivoluzzjonijiet f'dan ir-reġjun biex ipoġġu fil-poter mexxejja pupi li kienu lesti li joqgħodu għal dak kollu li jordnawlhom biex jaqdu l-interessi imperjalisti u kolonjalisti tagħhom.

## Il-Persja (Iran)

Fost l-indħil tal-pajjiżi tal-Punent fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, wieħed jista' jsemmi meta fl-1953 il-Prim Ministru ta' l-Iran[56] Moħammed Mossadeq, li kien elett demokratikament, kien innazzjonalizza l-kumpanija taż-żejt Anglo-Iranian Oil Company u x-Xa tal-Persja kien ħarab mill-pajjiż.

L-Ingliżi u l-Amerikani, li kellhom interessi kbar fil-kumpaniji taż-żejt fir-reġjun, kienu xewxu kemm felħu lill-opponenti ta' Mossadeq li kienu ingħataw ukoll l-għajnuna tas-CIA[57] Amerikana u ta' l-Ingliżi biex reġgħu għamlu rivoluzzjoni u reġgħu poġġew lix-Xa Moħammed Reza Pahlavi, li kien favur l-Amerikani, fuq it-tron. Ix-Xa kien ħatar Prim Ministru pupu minflok Mossadeq biex ikun jista' jżomm kontroll sħiħ fuq iċ-ċittadini Iranjani.

---

[55] Mitla pass
[56] L-Iran qabel kien magħruf bħala l-Persja
[57] Central Intelligence Agency

L-Ingliżi mhux biss riedu jerġgħu jieħdu lura l-interessi li kellhom fil-kumpanija taż-żejt li kienet ġiet nazzjonalizzata, imma flimkien ma' l-Amerikani[58] kienu qed jibżgħu li pajjiżi oħra fir-reġjun jieħdu l-eżempju ta' Mossadeq, jinnazzjonalizzaw il-kumpaniji taż-żejt li kellhom ħafna aktar interessi u jħallu aktar qliegħ lill-barranin milli lil dawk il-pajjiżi stess fejn kien qiegħed jittella ż-żejt, u jtajjru r-reġimi pupazzi li kienu jikkontrollaw huma.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li x-Xa kellu l-pulizija sigrieta magħrufa bħala Savak, li kienu qatlu eluf kbar ta' nies ma l-inqas suspett li kienu jgħidu jew ikunu se jagħmlu xi ħaġa kontra x-Xa jew li jkunu meqjusa bħala xi theddida għall-interessi tax-Xa jew tal-pajjiżi tal-Punent u l-kumpaniji tagħhom.

Tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll li waqt li x-Xa kien jgħix f'lussu kbir, il-poplu kien jgħix f'faqar kbir u dejjem mhedded għal ħajtu mill-pulizija sigrieta. Fl-1979 kienet saret rivoluzzjoni mmexxija mill-Ajjutallah Khomeini li kienet reġgħet tajjret lix-Xa mill-poter.

Dan hu l-bilanċ bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-interessi kapitalisti li dejjem mexxew 'il quddiem il-pajjjiżi kapitalisti tal-Punent.

Tajjeb li jingħad ukoll li minħabba li Malta kienet kolonja u bażi fortizza militari ta' l-Ingliżi, jingħad li f'Malta l-Ingliżi kienu jkunu jafu dak li Mossadeq kien jibgħat jgħid

[58] Dawn ma kinux l-uniċi ndħil mill-Amerikani, għaliex ilhom żmien twil jindaħlu fl-affarijiet ta' pajjiżi oħra biex jimponu l-Pax Amerikana biex iħarsu l-interessi tal-kapitalisti Amerikani. Bħala eżempju, imma dawn ċertament li m'humiex kollox, l-Amerikani kienu nvadew jew indaħlu f'dawn il-postijiet. Fil-Ħawaii fl-1893, (li issa huwa Stat Amerikan għalkemm għad hemm xi wħud li jsostnu li għandhom ikunu indipendenti) minħabba li r-Reġina kienet qed tippjana biex ma tkomplix tħalli lill-barranin iżidu s-setgħa tagħhom; Kolumbja/Panama fl-1903, fejn il-President Theodore Roosevelt ma kienx irnexxilu jiftiehem biex jibni Kanal u ħa vantaġġ minn rivoluzzjoni u rrikonoxxa immedjatament lill-Panama fejn wara ftiehem magħha biex isir il-Kanal tal-Panama; Iran fl-1953, biex jittajjar il-Prim Ministru Moħammed Mossadeq u jerġa' jitpoġġa x-Xa Moħammed Reza Pahlavi fis-setgħa fl-interessi ta' l-Ingliżi u l-Amerikani; Gwatemala 1954, fejn sar kolp ta' Stat kontra l-President xellugi Jacobo Arbenz minħabba li kien qiegħed jieħu l-art mingħand il-kumpaniji u s-sinjuri u jagħtiha lill-bdiewa; Kuba 1961, fejn ippruvaw jinvadu lill-Kuba fil-bajja tal-ħnieżer imma kienu fallew, Vietnam t'Isfel 1963, fejn wara li kienu nqatlu l-President Ngo Dinh Diem u l-kap tal-Pulizija sigrieta Ngo Dinh Nuh meta kienu qed jaħarbu minn kolp ta' Stat maħdum mill-Amerikani li wara wassal għall-gwerra tal-Vjetnam; Ċili 1973, fejn wara li s-CIA Amerikana kienet għamlet ħafna operazzjonijiet fosthom ekonomiċi biex tfarrak il-Gvern Soċjalista kien sar kolp ta' Stat mill-Forzi Armati mgħejjuna mill-Amerikani fejn inqatel il-President Socjalista Salvatore Allende għax ma riditx pajjiż soċjalista qrib tagħha; Grenada fl-1983, fejn wara li Bernard Courd li kien xellugi kien ħa l-poter l-Amerika invadiet Grenada għaliex qalet li kien hemm periklu għall-istudenti Amerikani li kienu qed jistudjaw hemmhekk; Fil-Panama fl-1989, fejn invadiet il-Panama biex tneħħi lill-President Manuel Noriega fuq akkużi ta' traffikar ta' droga meta l-istess Noriega qabel kien aġent tas-CIA għalkemm jingħad li r-raġuni kienet minħabba l-Kanal tal-Panama; Ħaiti fl-1994, meta l-Amerika invadiet Ħaiti biex tneħħi lill-mexxejja militari li kienu tajjru lill-Jean-Bertrand Aristide li għalkemm kien elett kien hemm u għad hemm akkużi serji ta' tkażbir tad-drittijiet tal-bniedem; l-invażjoni ta' l-Afganistan fejn s'issa għad hemm sitwazzjoni mħawwda u mwierha għall-aħħar, u l-aħħar waħda meta nvadiet l-Iraq bl-iskuża ta' l-armi tal-qerda tal-massa li issa kulħadd induna li kienet biss skuża biex il-kunmpaniji Amerikani jaħtfu ż-żejt ta' l-Iraq, waqt li l-kumpaniji ta' l-armamenti jkomplu jimpalaw il-biljuni ta' dollari. Anki fl-Iraq ghad hemm konfużjoni sħiħa fejn l-Istati Uniti kienet ġiet imwissija li dan kien se jkun it-tieni Vjetnam taghha. Dan biex ma nsemmix l-indħil f'pajjiżi oħra bħal ma huwa l-Libanu fejn il-flotta Amerikana kienet ibbumbardjat Bejrut, u l-każi tal-Gwerra dinjija fejn s'issa, u j'Alla qatt ma terġa' ssir, kienet l-uniku pajjiż li qatt uża l-armi atomiċi kontra pajjiż ieħor, għalkemm tip ta' armi nukleari li jużaw l-Uranju ntużaw ukoll fil-Kosovo.

lill-Ministri tiegħu qabel kienu jkunu jafu l-Ministri tiegħu, u bl-istess mod dak li jkunu bagħtu jgħidulu l-Ministri tiegħu.

**Lura Lejn l-Eġittu**

Fl-Eġittu, Nasser kellu kull dritt mhux biss li jinnazzjonalizza l-Kanal tas-Suez minħabba li kien f'territorju ta' l-Eġittu, imma anki l-kumpanija li kienet tmexxi l-kanal minħabba li din kienet meqjusa bħala kumpanija Eġizzjana għaliex kienet twaqqfet u ġiet reġistrata fl-Eġittu minkejja li l-isħma kienu ta' l-Ingliżi u l-Franċiżi.

Il-ħaddiema li kienu jaħdmu mal-kumpanija kienu kollha Ingliżi u Franċiżi, ħlief għal xi ftit Eġizzjani li kienu jagħmlu xogħol fl-aktar livell baxx li tiegħu kienu jitħallsu biss bis-soldi.

Il-qliegħ tal-kumpanija kien imur għand l-Ingliżi u l-Franċiżi li kellhom l-isħma tal-kumpanija mqassma bejniethom. Għalkemm dawn huma kwistjonijiet ta' liġi internazzjonali, tajjeb li jingħadu fil-qosor biex wieħed ikun jafhom.

**Tindaħal l-Amerika**

Wieħed tajjeb li jkun jaf ukoll li waqt li l-Istati Uniti ta' l-Amerika ġiegħlet lir-Renju Unit u lill-Franza jirtiraw mill-invażjoni tagħhom ta' l-Eġittu, fl-istess waqt kienet qed tagħti lir-Renju Unit informazzjoni u ritratti meħuda minn għoli ta' aktar minn 20,000 metru mill-ajruplani sigrieti tagħha il-U2 li dak iż-żmien kienu jafu bihom biss ftit nies tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda.

Ir-ritratti mehuda mill-Amerikani kienu aktar ċari u dettaljati minn ritratti meħuda mill-ajruplani ta' spjunaġġ Ingliżi u Franċiżi minn ħafna aktar fil-baxx.

L-għan ta' l-Amerika kien li waqt li tgħin lill-allejati tagħha, hija tidher li salvat lill-Eġittu mill-Ingliżi, mill-Franċiżi u l-Israel, tidher sabiħa u ħabiba mal-pajjiżi Għarab, u fl-istess waqt tipprova toħroġ lill-Eġittu bħala pajjiż li jkollu influwenza kbira fuq il-pajjiżi Għarab fir-reġjun, dak li bl-Ingliż jissejjaħ "regional influential".

B'hekk tkun tista' tuża lill-Eġittu għall-għanijiet tagħha, fosthom li ma tħallix l-influwenza ta' l-Unjoni Sovjetika tiżviluppa fir-Reġjun.

Barra minn hekk, minħabba li l-Eġittu kien irċieva xi armamenti minn pajjiżi mill-Ewropea tal-Lvant li dak iż-żmien kienu taħt l-Unjoni Sovjetika, il-kumpaniji ta' l-armamenti Amerikani, u hawnhekk jidħol settur ieħor Amerikan barra dak taż-żejt u dak politiku, kienu jkunu jistgħu jkollhom skuża tajba biex ibiegħu armamenti lill-Israel biex "jibbilanċjaw" is-sitwazzjoni ta' l-armamenti fir-reġjun.

Dawwart ftit din il-kitba fuq l-Eġittu u l-Lvant Nofsani u x'kien sar mhux biss minħabba li Malta kienet intlaqtet mill-qrib għaliex kienet intużat biex bastimenti navali u ajruplani militari jitilqu minn Malta għal din l-invażjoni u biex jiġi bbumbardjat l-Eġittu, imma biex wieħed jifhem aħjar l-interessi tal-pajjiżi l-kbar u xi jkun hemm moħbi wara dak kollu li jkunu qed jgħidu, dak li jkunu qed jagħmlu, dak li sar u dak li jkun qiegħed isir, kif ukoll ir-raġunijiet warajhom.

Għaldaqstant, wieħed malajr jinduna kemm dak li jkun qiegħed jingħad u kemm dak li jkun qiegħed isir ikunu biex iqarrqu ħalli wieħed ikun jidher sabiħ ma min ikun iridu jaraħ sabiħ.

Dan għandu jiftah ukoll għajnejn il-poplu Malti u Għawdxi kollu biex jifhem sewwa xi jkun għaddej mill-barrani u l-qaddejja tiegħu hawn Malta li bieghu ruħhom u ġiehom lill-barrani u li l-uniku għan tagħhom dejjem kien li jerġgħu jġibu lil Malta kolonja u bażi militari tagħhom.

Il-qaddejja tal-barrani hawn Malta flimkien ma' uliedhom ikollhom, kif jgħid il-qawl Malti, **"ħobzhom maħbuż u żejthom fil-kus",** waqt li l-kumplament tal-poplu qieghed jerġa' jkollu jsefter lill-barrani u jitqatel u jinqatel għalih fl-avventuri militari li jfettillu jidħol fihom.

Huwa għalhekk li l-qaddejja tal-barrani hawn Malta kienu ħarġu bl-għajta tagħhom biex "**naħsbu għal uliedna"**, imma l-poplu għandu jifhem sewwa xi jkun qiegħed jingħad, għal min ikun qiegħed jingħad, u xi jkun ifisser dak li jkun qiegħed jingħad, biex huwa wkoll jaħseb f'uliedu.

Huwa għalhekk li l-poplu Malti m'għandux ikompli jħalli lil min irid ikompli jqarraq bih, u għandu jaħdem bla heda biex ma nerġgħux nitilfu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna billi nerġgħu nidħlu taħt il-ħakma kolonjali u tal-ħakkiem kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.

## Lura f'Malta

Bit-tifrik ta' l-ekonomija tar-Renju Unit flimkien mat-talba tal-kolonji tiegħu biex jingħataw l-indipendenza u l-moviment dinji li kien qam biex il-kolonji kollha jingħataw l-indipendenza tagħhom, il-Gvern Ingliż kien f'sitwazzjoni li ma setgħax ikompli jżomm il-bażijiet militari kollha li kellu f'pajjiżi barranin.

Dan kien wassal biex il-Gvern Ingliż jippjana tnaqqis fil-bażijiet militari kollha li kellu u biex jagħti numru kbir ta' sensji minn mas-servizzi, li dak iż-żmien kien hemm numru kbir ta' ħaddiema Maltin u Għawdxin jaħdmu magħhom.

Dak iż-żmien la kien hawn industriji, ħlief xi ċekċikiet żgħar, u lanqas ma kien hawn is-settur tat-turiżmu.

Għaldaqstant, l-unika triq li kellhom dawn il-ħaddiema li kienu se jiġu ssensjati u jitilfu ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom kienet li jew ibatu l-ġuħ huma u l-familji tagħhom, jew idabbru rashom lejn l-Awstralja.

Din is-sitwazzjoni wasslet biex il-ħaddiema Maltin u Għawdxin jinżlu jipprotestaw fit-toroq kontra s-sensji li ried jagħti l-Gvern Ingliż.

Dan mhux biss minħabba li eluf kbar kienu se jispiċċaw bla xogħol u jitilfu ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom, imma ħafna minnhom kienu għadhom jiftakru t-tbatijiet kbar li kienu għadhom kif għaddew minnhom ftit snin qabel fit-tieni gwerra dinjija, fejn anki ħafna qraba tagħhom kienu mietu biex jaqdu lill-Gvern Ingliż.

Barra minn hekk, kienu għadhom friski ħafna l-memorju tal-gwerra tas-Suez li kienet saret inqas minn sentejn qabel, minħabba li Malta kienet intużat bħala bażi għal din il-gwerra fejn il-ħaddiema Maltin u Għawdxin kienu reġgħu qdew mill-koxxa lill-Gvern Ingliż.

Irrid infakkar li l-ajruplani u l-bastimenti Ngliżi kienu telqu minn Malta biex jibbumbardjaw u jinvadu lill-Eġittu.

Maqbuda f'din is-sitwazzjoni, il-ħaddiema Maltin kienu rrabjati ħafna, u kellhom raġun, għaliex ħassew ruħhom li, bħal drabi oħra qabel, kienu se jintremew bħal lumija wara li kienu ġew magħsura mill-ħakkiem barrani.

Kienet għadha friska wkoll il-memorja ta' meta l-Gvern Ingliż kien ċaħad l-integration, jiġfieri li Malta ssir parti mir-Renju Unit u ma tibqax aktar kolonja, u li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikunu wkoll rappreżentati fil-Parlament Ingliż u stmati daqs u bl-istess drittijiet taċ-ċittadini Ingliżi.

Fl-istess waqt, wara ċ-ċaħda ta' l-integration, kien qam ukoll movement qawwi mmexxi mill-Partit Laburista biex Malta tieħu wkoll l-indipendenza u l-ħelsien tagħha minn taħt il-ħakma tal-barrani kif kien qed isir minn pajjiżi oħra.

Dawk kienu żmienijiet ta' l-ikbar ġieħ u glorja għall-Malta u ħaddiema Maltin u Għawdxin li wrew lid-dinja li huma kapaċi jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom kontra l-ħakkiem barrani minkejja s-saħħa kbira li kellu meta' mqabbel magħna.

Illum ma rridux nerġgħu ngħaddu mill-istess martirju minħabba l-iżball li jistgħu jaghmlu ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li jiġu mqarrqa biex jaċċettaw is-sħubija fl-Unjoni Ewropea li tfissret it-telfien ta' l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** taghna.

Is-sħubija fl-Unjoni Ewropea tfisser ukoll it-telfien tax-xogħol u l-ħobż tal-ħaddiema minħabba r-regolamenti bla sens ta' l-Unjoni Ewropea u t-teħid ta' xogħol u ħobż il-Maltin u l-Għawdxin mill-ħaddiema barranin.

Imbagħad issib lil min jgħid lill-poplu Malti li jekk jissieħeb, din tkun deċiżjoni ta' darba u li ma jkunx jista' jreġġa lura l-iżball li jkun għamel.

Min jgħid hekk lill-poplu Malti jrid iqarraq bih, ma jimpurtaħx miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin, ma huwa xejn ħlief Ġuda li biegħ ruħu u ġiehu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea, u jrid li l-poplu Malti jitlef l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita**' tieghu.

## Il-Ħaddiema Maltin u Għawdxin Imsawwta

Meta l-ħaddiema kienu niżlu jipprotestaw fit-toroq, il-pulizija mmexxija mill-mixtrija tal-barrani u tradituri ta' dak iż-żmien kienet qed tagħti rambaġġ wara l-ieħor bil-kavallerija u ssawwat bla ħniena bil-lembubi lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin li kienu qed jipprotestaw għal ħobżhom kontra l-Gvern Ingliż.

Il-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien kien ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija Vivien de Gray biex il-pulizija ma tibqax issawwat lill-ħaddiema, imma t-tweġiba tal-Kummissarju kienet li huwa jobdi biss lill-Kuruna, jiġifieri lill-kapijiet barranin Ingliżi u mhux lill-Prim Ministru Malti kap tiegħu.

F'sitwazzjoni bħal din, fejn il-Gvern ma jkollux aktar kontroll fuq il-forzi ta' l-ordni tal-pajjiż, ebda Gvern serju ma jkompli jmexxi l-pajjiż jekk ma jkunx pulċinell f'idejn il-barrani.

Gvernijiet Laburisti qatt ma kienu pulċinelli ta' ħadd, speċjalment tal-barrani. Għaldaqstant, il-Gvern Laburista kien irriżenja u beda jmexxi lill-poplu mit-toroq fil-ġlieda qaddisa biex jikseb l-**Indipendenza**, **il-Ħelsien u s-Sovranita'** minn taħt il-ħakma tal-barrani.

Wara r-riżenja tal-Gvern Laburista, il-Gvernatur Ingliż Robert Laycock kien bagħat għal Dr George Borg Olivier, li dak iż-żmien kien il-mexxej tal-Partit Nazzjonalista u kap ta' l-Oppożizzjoni biex jifforma Gvern, imma anki Borg Olivier ma riedx ikun pulċinell f'idejn il-barrani.

Jista' jingħad l-istess illum meta l-Gvern flimkien mal-membri tiegħu qegħdin jaqdu mill-koxxa lill-barrani billi qegħdin jagħmlu dak kollu li jordnalhom minkejja li jafu li dan huwa kontra l-interessi ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin?

Jista' jingħad l-istess illum meta waqt li fl-1958 kien hemm Gvern Laburista li mexxa lill-ħaddiema Maltin u l-Għawdxin mit-toroq fil-ġlieda għall-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** kontra l-ħakkiem barrani, illum għandna Gvern Nazzjonalista li qiegħed jagħmel bil-maqlub, qiegħed jobdi biss lill-barrani biex diġa' reġa' gabna kolonja taħt il-ħakma tal-barrani?

Jekk nissieħbu, iċ-ċittadini u l-ħaddiema Maltin u Għawdxin se jerġa' jkollhom joħorġu jipprotestaw fit-toroq kontra l-ħakkiemn barrani minn Brussell kif qed jagħmlu ħafna ħaddiema fi Stati Membri differenti ta' l-Unjoni Ewropea li qed jispiċċaw jitilfu xogħolhom u minħabba l-għoli kbir tal-ħajja kaġun tal-politika kapitalista bla rażan ta' l-Unjoni Ewropea.

Imma l-protesti ma jkunux iridu jsiru biss minħabba x-xogħol, imma jkunu jridu jsiru biex magħqudin flimkien inkunu nistgħu nerġgħu nieħdu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** taghna minn taħt il-ħakma kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea ħalli nkunu jistgħu niddeċiedu d-destin tagħna kif jaqbel lilna, u mhux ikollna nagħmlu bilfors dak li jgħidilna l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Lura Lejn il-Komunitajiet</u>**

Fit-13 ta' Mejju, id-Deputati Parlamentari kienu qagħdu flimkien fi gruppi fuq sisien politiċi minflok fuq sisien ta' nazzjonalita', waqt li bejn il-21 u s-27 tax-xahar, l-Assemblea Parlamentari kienet addottat il-regolamenti interni tagħha.

Il-qasma fi gruppi politiċi ma saritx għalxejn, imma kien hemm raġunijiet u ħsiebijiet kbar warajha li wieħed faċli ma jindunax bihom. Ħalli naraw ftit għalfejn.

**L-ewwel Raġuni**

L-ewwel ħaġa hija li kif rajna aktar qabel, l-għanijiet ta' dawk li ħolqu l-Komunitajiet Ewropej dejjem kienu li joħolqu Stat Federali Ewropew li jieħu post l-Istati Membri tiegħu fir-relazzjonijiet ma' Stati u pajjiżi oħra.

Dan kien ifisser li l-Istati Membri jitilfu drittijiet tagħhom skond il-liġi internazzjonali, liema drittijiet jgħaddu għal għand l-Istat Federali.

Kawża tat-twaqqif ta' l-Istat Federali, l-Istati Membri tiegħu kienet tispiċċalhom is-saħħa kollha, għaliex ikollhom joqgħodu għall-ordnijiet ta' l-istituzzjonijiet federali tiegħu.

Jekk tiftakru, ir-raġuni għaliex twaqqfu l-Komunitajiet Ewropej kienet biex kif kien qal Schuman stess, il-Ġermanja ma tkunx f'pożizzjoni li terġa' tkun ta' theddida għall-pajjiżi Ewropej l-oħra, għaliex bħala Stat Membri fi Stat Federali tkun taħt il-kontroll strett ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali.

Bħala riżultat tat-twaqqif ta' l-Istat Federali, l-istituzzjonijiet tiegħu jibdew jgħaddu liġijiet li kull Stat Membru u ċ-ċittadini tiegħu jkollhom jobdu bilfors.

Fl-istess waqt, l-Istati Membri ma jibqalhomx aktar id-dritt li jkomplu bir-relazzjonijiet individwali ma' pajjiżi li ma jkunux membri, għaliex dan id-dritt ikun għadda għand l-Istat Federali. Meta jitilfu dan id-dritt, lanqas ma jibqalhom dritt li jissejħu Stati sovrani.

Dan ma kienx ikun faċli biex isir f'daqqa, kemm minħabba li meta nħolqu l-Komunitajiet Ewropej kien hemm moviment dinji biex il-pajjiżi kollha jingħataw il-**Ħelsien** u kulħadd kien ħsiebu li jieħu l-**Ħelsien** tiegħu, kif ukoll minħabba li biex tibdel il-ħsibijiet tan-nies trid tieħu ċertu żmien.

Barra minn hekk, aktar faċli li ttella żgħażagħ bil-ħsibijiet li tkun tridhom jitilgħu bihom milli tibdel il-ħsibijiet ta' nies kbar u maturi.

Mhux qed ngħid li ż-żgħażagħ mhux maturi, biex ma jkun hemm ħadd li jifhimni ħażin, imma kif kien qal sewwa l-għaref Platun, huwa ħafna aktar faċli li tagħġen lil min għadu żgħir kif trid int, minħabba n-nuqqas ta' esperjenza tagħhom.

Huwa aktar faċli li siġra ttellagħha dritta jew ittiha s-sura li trid int meta tkun għadha zgħira u l-friegħi tagħha torja millli meta tikber.

Fuq kollox, ma nistgħux ninsew dak li jgħidu sewwa l-qwiel Maltin li jgħidu li, **"Min jitgħammed meta bis-snien jerġa' lura imnejn kien",** kif ukoll li **"Ilwi d-dielja meta' għadha żarġuna"**.

Għaldaqstant, għandna nagħmlu minn kollox biex lill-uliedna ngħallmuhom l-istorja ta' pajjiżna u t-tbatijiet kollha li missierijietna u anki aħna stess għaddejna minnhom biex ksibna l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** minn taħt il-ħakma tal-barrani biex ma jkomplux jiġu mqarrqa mill-gideb u mit-tlellix ippreżentat mill-barrani u

mill-mixtrija tiegħu hawn Malta, għaliex kif jgħid il-qawl Malti, **"Mhux kull ma jleqq deheb".**

Ħalli nkomplu naraw ir-raġunijiet li għalihom il-membri Parlamentari Ewropej jiltaqgħu fi gruppi politiċi u mhux fi grupppi nazzjonali waqt il-laqgħat tal-Parlament Ewropew.

Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-federalisti li kellhom iwasslu għall-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew, kellu jidħol il-kunċett u jiddaħħal il-ħsieb f'moħħ kulħadd, imma speċjalment fiż-żgħażagħ, li ż-żmien ta' l-**Istat Nazzjon bl-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** kollha tiegħu kien għadda zmienu.

L-għan li jinħolqu l-Komunitajiet Ewropej kien li dawn kellhom iwasslu biex bil-mod il-mod jinħoloq l-Istat Federali Ewropew. Biex jintlaħaq dan il-għan, kullħadd, jiġifieri kemm il-membri ta' l-istess istituzzjonijiet kif ukoll iċ-ċittadini ta' kull Stat Membru, kellhom jibdew jaħsbu, jaraw u jħossu li l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet huma superjuri u supremi fuq kollox u fuq kullħadd.

Il-federalisti rraġunaw li jekk il-ħsibijiet kienu jiġu aċċettati mill-mexxejja, kien ikun aktar faċli li huma jinfluwenzaw liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Għaldaqstant, kien meħtieġ li anki l-Membri Parlamentari jibdew jaċċettaw dawn il-kunċetti.

Il-ħsieb kien li meta l-Membri Parlamentari Ewropej jinqasmu fuq sisien ta' gruppi politiċi differenti, huma jibdew jinsew il-kunċett ta' nazzjonalita' u jibdew jasbu biss biex imexxu 'l quddiem kemm l-interessi politiċi partikolari tal-grupp politiku li jkunu jifformaw parti minnu, kif ukoll, imma l-aktar, il-kunċett li l-interessi ta' l-Istat Federali jew l-Organizzazzjoni li tkun miexja għal dan il-għan ikunu aqwa mill-interessi nazzjonali ta' l-Istat Membru u taċ-ċittadini tiegħu li huma jkunu qed jirrappreżentaw.

Meta dan isir fuq tul ta' żmien, dan il-kunċett tant jissaħħaħ fil-ħsibijiet ta' dawk il-Membri Parlamentari, li huma jinfluwenzaw ukoll il-partiti politiċi nazzjonali tagħhom u jwassal biex kemm huma kif ukoll l-istess partiti politiċi nazzjonali lanqas biss jibqgħu jaħsbu aktar fl-interessi nazzjonali ta' l-Istat Membru u taċ-ċittadini tiegħu.

B'dan il-mod, il-bidla mixtieqa mill-federalisti fil-ħsibijiet tal-Membri Parlamentari u fil-partiti politiċi nazzjonali tkun seħħet.

Dan wieħed jista' jarah anki fil-każ ta' Malta, meta jara kemm sar kliem li anki l-Partiti Soċjalisti Ewropej kienu favur li Malta tissieħeb bħala membru fl-Unjoni Ewropea.

Ir-raġuni veru għaliex huma qalu hekk hija li dawk il-Partiti Soċjalisti spiċċaw biex tilfu l-kunċett ta' l-**Istat Nazzjon Indipendenti, Ħieles u Sovran,** kif ukoll il-kunċett tan-nazzjonalita' tagħhom stess u spiċċaw jaħsbu biss fil-kunċett federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan barra raġunijiet oħra, fosthom li l-barrani, hu min hu u huwa minn liema qasam politiku hu, dejjem ried li jerġa' jġib lil Malta kolonja u fortizza militari biex taqdi l-ħtiġijiet tiegħu.

Wieħed irid jiftakar ukoll li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kienu jew huma kolonizzaturi li kellhom jew għad għandhom il-kolonji tagħhom.

## It-Tieni Raġuni

It-tieni raġuni għaliex il-Membri Parlamentari fil-Parlament Ewropew joqgħodu fi gruppi politiċi minflok fi gruppi nazzjonali hija li huma jkomplu jassoċjaw ruħom mal-politika partikolari tal-Grupp li jkunu jiffurmaw parti minnu anki meta huma jkunu fil-Parlament Ewropew.

Dan iwassal biex il-qasma politika li normalment teżisti fuq sisien nazzjonali bejn il-gruppi politiċi differenti li wieħed isib f'kull Stat Membru u f'kull pajjiż, tasal u titkompla wkoll fil-Parlament Ewropew. B'hekk, l-argumenti jkunu fuq sisien ta' ideoloġija politika u mhux fuq sisien nazzjonali.

Fl-istess waqt, minħabba li jkunu qed jitħaddtu fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Istat Federali u ma' l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet federali, il-problemi nazzjonali u l-kunċett ta' nazzjonalita' jibdew jingħataw il-ġenb meta mqabbla ma' l-interessi federalisti ta' l-Istat Federali sakemm fl-aħħar jintnesew għal kollox.

Hawnhekk tajjeb li wieħed ifakkar li l-qawl Malti jgħidlek li **"Fi ġlieda bejn tnejn jirbaħ it-tielet wieħed."**

Għaldaqstant, meta l-Membri Parlamentari jkunu mehdija jargumentaw bejniethom fuq sisien politiċi fl-interess ta' l-Istat Federali, l-interessi nazzjonali ta' kull Stat Membru partikolari jibdew jingħataw il-ġenb sakemm fl-aħħar, wara ċertu żmien b'din il-mentalita' u f'dan l-istat, il-Membri Parlamentari Ewropej jinsew għal kollox l-interessi nazzjonali ta' kull Stat Membru u taċ-ċittadini tiegħu.

Jibqa' biss l-interess partikolari ta' dak il-grupp politiku, imma fl-istess waqt, ikun daħal il-kunċett tas-supremazija ta' l-interessi ta' l-Istat Federali fuq dawk nazzjonali.

## It-Tielet Raġuni

Is-**Sovranita'** tfisser li kull Stat huwa meqjus l-istess, u għalhekk għandu jkollu l-istess vot jew numru ta' voti f'Organizzazzjonijiet li jkun membru fihom.

Eżempju ta' dan huwa l-Ġnus Magħquda, għalkemm anki hemmhekk hemm ċerti stati membri tal-Kunsill tas-Sigurta' li huma aqwa għaliex huma rappreżentati fuq sisien permanenti u għandhom id-dritt tal-veto.

Madankollu, fl-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, l-Istati Membri kollha għandhom l-istess vot.

Fil-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, wieħed irid jiftakar li mhux kull Stat Membru għandu l-istess numru ta' rappreżentanti u voti.

Jekk wieħed jieħu lill-Ġermanja, din għandha 99 Membru Parlamentari, waqt li l-Lussemburgu għandu biss 6 membri.

Għaldaqstant, meta l-Membri Parlamentari Ewropej joqgħodu fi gruppi politiċi differenti minflok fi gruppi nazzjonali, din id-differenza ma tkunx tidher u d-diżugwaljanza tar-rappreżentanza bejn l-Istati Membri tinħeba.

Immaġinaw x'jaħsbu ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jekk jaraw laqgħa tal-Parlament Ewropew u jaraw 6 Membri Parlamentari tal-Lussemburgu għalihom u 99 Membru Parlamentari Ewropew Ġermaniż għalihom u jitilfu vot importanti għalihom.

Psikoloġikament, iċ-ċittadini ta' dawk l-Istati Membri ż-żgħar li jkollhom ftit rappreżentanti mhux biss jibdew jaraw kemm huma m'għandhomx saħħa jopponi lill-Istati Membri l-oħra minħabba n-numru, imma jibdew iħossu wkoll li l-għajta tar-rappreżentanti tagħhom tkun qisha ħanqa ta' ħmar fid-desert, waqt li jiftakru fil-qawl li jgħid li **"ħanqa ta' ħmar qatt ma telgħet is-sema".**

Għaldaqstant, minħabba li din id-differenza ma tkunx tidher u tkun qed tinħeba minħabba li l-Membri Parlamentari ma jkunux qegħdin joqgħodu separati ta' kull Stat Membru għalih, ikun aktar faċli li jiddaħħal u jiġi aċċettat il-ħsieb mill-Membri Parlamentari u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li mhux kull Stat Membru għandu dritt li jkollu l-istess rappreżentanza.

B'dan il-ħsieb ikun qed jitkisser ukoll minn moħħ il-Membri Parlamentari u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-prinċipju tal-liġi internazzjonali li kull pajjiż jitqies bħala **Stat Nazzjon, Indipendenti, Ħieles u Sovran**, u li kull Stat nazzjon ikun daqs u jkollu l-istess drittijiet bħal kull Stat nazzjon ieħor.

Id-drittijiet ta' kull Stat Membru bħala Stat nazzjon ikunu spiċċaw għaliex ikunu ttieħdu mill-Istat federali.

Qed taraw kemm ħsiebijiet moħbija jkun hemm wara xi ħaġa li tidher daqstant sempliċi li wieħed lanqas jagħti kasha, u li ma' l-ewwel daqqa t'għajn ikun jidher li ma jkun hemm xejn warajha?

## Membri Parlamentari Maħtura

Wieħed ma jridx jinsa lanqas li l-Membri Parlamentari għamlu żmien twil jiġu maħtura u mhux imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Dan ma sarx għalxejn, imma kien hemm ukoll ħsibijiet warajha.

Meta l-Membri Parlamentari Ewropew kienu jiġu maħtura, kien aktar faċli li minn wara l-kwinti jintagħżlu nies li kellhom ħsibijiet federalisti biex ikomplu jmexxu aktar 'il quddiem il-kunċett federalista.

Kieku dak iż-żmien, speċjalment fil-bidu tal-Komunitajiet Ewropej, il-Membri Parlamentari Ewropej kienu jiġu mtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, kieku ħadd ma kien ikun jaf jekk ikunux se jitilgħu nies kontra l-kunċetti federalisti.

Barra minn hekk, il-fatt li jkollok nies b'idejat u kunċetti federalisti f'istituzzjoni oħra federali bħal ma huwa l-Parlament Ewropew, iwassal biex ikollok inqas inkwiet li jista' jtqajjem minn nies li jkollhom ideat oħra jew li jkunu kontra l-kunċett federalista.

Għaldaqstant, il-kunċett federalista u l-federalisti fi ħdan l-istituzzjonijiet federali tal-Komunitajiet Ewropej kienu jistgħu mhux biss ma jsibux oppożizzjoni fil-mixja tagħhom lejn it-twaqqif ta' l-Istat Federali, imma saħansitra jsibu l-appoġġ meħtieġ minn istituzzjoni oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

Kif wieħed jista' jara, anki l-fatt li l-Membri Parlamentari Ewropej kienu jiġu maħtura u mhux imtella bil-voti taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma kienx għalxejn, imma kien hemm ħsibijiet oħra warajh biex iħaffef l-ilħuq ta' l-għanijiet tal-federalisti internazzjonali.

## Aktar Żviluppi

F'Lulju naraw il-bidu tal-Politika Agrikola Komuni, meta waqt Konferenza li kienet saret bejn it-3 u l-11 tax-xahar ġewwa Stresa, fl-Italja, kienu tressqu s-sisien għal din il-politika.

Din il-politika mhux biss qiegħda tiswa biljuni kbar ta' ewros liċ-ċittadinin ta' l-Unjoni Ewropea, imma ċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea qed ikollhom iħallsu ħafna aktar għall-ikel minħabba li l-prezzijiet fl-Unjoni Ewropea huma hafna aktar għola minn dawk li wieħed isib fuq is-swieq tad-dinja.

Fis-7 ta' Lulju, Walter Hallstein li kif rajna kien sar il-President tal-Kummissjoni tal-KEE, kien iffirma ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-KEE u l-Għaqda Dinjija tax-Xogħol[59]. Dan il-ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Geneva, fl-Iżvizzera.

Wara li kienu saru tliet Komunitajiet, fis-7 ta' Ottubru, il-Qorti tal-Komunitajiet, issa ta' l-Unjoni Ewropea, twaqqfet fil-Lussemburgu u daħlet minflok il-Qorti li kienet twaqqfet aktar qabel taħt it-Trattat KEFA.

Fl-4 ta' Diċembru, il-Gvernaturi tal-Kunsill tal-Bank Ewropew ta' Investiment[60] addottaw l-ewwel direttivi dwar il-politika ta' kreditu tal-Bank, waqt li fid-29 tax-xahar kien daħal fis-seħħ il-Ftehim Monetarju Ewropew[61].

---

[59] International Labour Organisation (ILO)
[60] European Investment Bank (EIB)
[61] European Monetary Agreement

## Żviluppi fis-Sena 1959

Is-sena 1959 bdiet billi fl-1 ta' Jannar bdew jittieħdu l-ewwel passi biex progressivament jitneħħew id-dazji tad-dwana u l-kwoti fil-KEE. Kif Għedt aktar qabel, it-tneħħija tad-dazji jfisser tnaqqis fid-dħul tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li jkollhom jagħmlu tajjeb għaliha aktar taxxi fuq affarijiet oħra.

Fis-7 ta' Jannar, Robert Schuman kien reġa' ġie maħtur bħala President ta' l-Assemblea Parlamentari, waqt li fit-2 ta' Frar kien sar tibdil fil-Presidenza tal-Kummissjoni Euratom, jiġifieri tal-KEEA, fejn kien inħatar bħala President Etienne Hirsch.

Fit-3 ta' Marzu, il-Qorti l-ġdida tal-Komunitajiet Ewropej kienet addottat ir-regolamenti proċedurali tagħha, waqt li fl-20 tax-xahar, il-Bank ta' l-Investiment Ewropew kien ta l-ewwel self tiegħu.

## L-Aċċettar tal-Proposta Dillon

Fil-5 ta' Mejju, il-Kunsill Ewropew kien aċċetta l-"Proposta Dillon" ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq in-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ[62]. Il-Kummissjoni, li kienet mgħejuna minn Kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, kellha tmexxi dawn in-negozjati.

L-aċċettar tal-Proposta Dillon juri kif l-Istati Membri komplew jingħataw il-ġenb mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, għaliex għalkemm il-Kunsill kien ikun magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, l-għan kien dejjem li l-istituzzjonijiet jingħataw aktar setgħat u jitnaqqsu dawk ta' l-Istati Membri.

Fit-8 ta' Ġunju kienet saret l-applikazzjoni tal-Greċja biex tassoċja ruħha mal-KEE, waqt li t-taħdidiet għal dan il-għan kienu bdew aktar tard, jiġifieri fl-10 ta' Settembru.

Fit-22 tax-xahar, l-Amministrazzjonijiet Fiskali Nazzjonali ta' l-Istati Membri tal-KEE[63] waqqfu tliet gruppi[64] biex jirrevedu kemm kien possibbli li jarmonizzaw il-liġi dwar il-levies indiretti[65].

Hawnhekk naraw kif l-Amministrazzjonijiet Fiskali Nazzjonali kienu qed jaħsbu kif ikomplu jieħdu aktar passi biex kollox ikun l-istess fl-Istati Membri kollha, ħalli ma jkunx hemm differenzi bejn l-Istati Membri fil-levies li riedu jiġbru.

Dan juri kemm dak li jgħidu xi wħud li fil-kwistjoni ta' taxxi l-Unjoni Ewropea ma tindaħalx hija gidba, għaliex għalkemm dak iż-żmien kienu l-Amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri li kienu qed jaħsbu fuq dawn l-affarijiet, illum hija l-Unjoni Ewropea li permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha, fosthom il-Bank Ċentrali Ewropew, li tordna x'għandhom jagħmlu u x'ma jagħmlux l-Istati Membri tagħha.

---

62 General agreement on Tariffs and Trade framework
63 EEC National Fiscal Administrations
64 Working groups
65 Feasibility of harmonising indirect levy legislation

## Rimi fis-Suq

Bejn il-25 u s-26 tax-xahar, kienet saret l-ewwel laqgħa ta' l-esperti ta' l-Istati Membru dwar ir-rimi fis-suq[66]. L-esperti reġgħu eżaminaw mill-ġdid regolamenti li kellhom jitwaqqfu li l-għan tagħhom kien biex jiskansaw u ma jħallux li jsir ir-rimi fis-suq bejn l-Istati Membri tal-Komunita'[67].

Ir-rimi fis-suq seta' jsir billi l-produttur ta' dak il-prodott ikun qiegħed ibiegħu bi prezz inqas milli jiġih biex jagħmlu. Issa kullħadd jaf li m'hawn ħadd miġnun, imma l-produttur jista' jkun kapaċi jagħmel hekk minħabba sussidju li jkun qed jingħata li jpatti għat-telf li jkun qed jagħmel meta jbiegħ l-oggett bi prezz inqas.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea ma tħallix li xi Stat jew Stati Membri jissussidjaw b'xi mod il-produzzjoni ta' l-affarijiet u b'hekk il-produtturi tiegħu jkunu jistgħu jagħmlu l-prodotti tagħhom irħas milli jkunu jistgħu jagħmluh prodotturi oħra fi Stati Membri li ma jkunux jagħtu dak is-sussidju.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea ma tħallix li jingħataw sussidji mill-Istati Membri ħlief jekk dawn ikunu skond ir-regolamenti tagħha, li normalment ikunu japplikaw l-istess fl-Istati Membri kollha u għaldaqstant ebda Stat Membru ma jkollu vantaġġ fuq ieħor.

Madankollu, wieħed irid iqis ukoll id-differenzi li jkun hemm fl-Istati Membri, u biex nieħdu eżempju mill-ħafna raġunijiet li jista' jkun hemm għaliex prodott jiġi irħas fi Stat Membru ieħor, wieħed jista' jsemmi l-pagi tal-ħaddiema, kif ukoll l-elettriku fejn xi Stat jista' jkollu l-kapaċita' li jiġġenera l-elettriku permezz ta' l-ilma tax-xmajjar jew ikollu l-faħam u/jew iż-żejt tiegħu u b'hekk l-elettriku jkun jiġihom irħas.

Bħala eżempju ieħor, il-kera tal-fabbriki mhux kullimkiem huwa l-istess, għaliex il-prezzijiet ta' l-art u tal-kera jvarjaw skond fejn tkun. Għaldaqstant, fabbrika tinkera b'ċertu ammont fi Stat Membru waqt li fabbrika ta' l-istess qies tinkera b'kera differenti fi Stat Membru ieħor.

F'każi bħal dawn, il-prodotti ta' dak l-Istat ikunu jistgħu jsiru orħos, u minkejja li ma jkunx qiegħed jagħti xi forma ta' sussidju, ikollu vantaġġ fuq l-Istati Membri l-oħra.

Għaldaqstant, jekk tassew irid ikun kollox bil-fier, Stat Membru għandu jitħalla jagħti xi sussidju biex ipatti għall-vantaġġ li xi Stat Membru ieħor ikollu. Madankollu, għall-Unjoni Ewropea dan ma jgħoddx u kulħadd jitkejjel bl-istess qies.

## Kompetizzjoni għall-Komunitajiet Ewropej

Bejn l-20 u l-21 ta' Lulju, seba' pajjiżi ta' l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp Ekonomiku Ewropew[68], jiġifieri l-Awstrija, id-Danimarka, in-Norveġja, il-Portugall, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit kienu ddeċiedew li jwaqqfu Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Ħieles[69].

---

[66] Dumping
[67] Intra-Community dumping
[68] OECD Organisation for European Economic Development
[69] European Free Trade Association EFTA

Dan kien ifisser li dawn l-Istati kienu se jkunu kompetituri tal-Komunitajiet Ewropej, xi ħaġa li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropew żgur ma ferħux biha.

Aktar 'il quddiem naraw x'sar biex din l-għaqda titfarrak jew tonqos is-saħħa tagħha bil-pulit biex b'hekk tonqos il-kompetizzjoni għall-Unjoni Ewropea.

It-Turkija kienet applikat biex tassoċja ruħa fil-KEE fl-aħħar tax-xahar, jiġifieri fil-31 ta' Lulju, waqt li t-taħdidiet tan-negozjati kienu bdew fis-27 ta' Settembru.

Fil-11 ta' Settembru naraw li kien inbidel il-President ta' l-Awtorita Għolja tal-KEFA fejn kien ġie maħtur bħala President Piero Malvestiti.

**Istituzzjonijiet Komuni għat-Tliet Komunitajiet**

Bit-twaqqif ta' tliet komunitajiet, rajna li kienu twaqqfu numru ta' istituzzjonijiet tagħhom.

Barra l-Qorti li kienet komuni għat-tliet Komunitajiet, kien hemm l-Awtorita' Għolja tal-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, il-Kummissjoni tal-Komunita' Ekonomika Ewropea, u l-Kummissjoni tal-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Għalkemm kienu tliet Komunitajiet differenti mwaqqfa bi Trattati differenti, dan ma kienx jagħmel sens għax kien ifisser li kollox kien qiegħed isir għal tliet darbiet bi spejjeż żejda. Kif kienet saret Qorti waħda għat-tliet Komunitajiet, setgħu jsiru wkoll l-istituzzjonijiet oħra li jkunu komuni għat-tliet Komunitajiet.

Għaldaqstant, fit-13 ta' Ottubru, Pierre Wigny li kien il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Belġju, kien ħareġ bl-idea li l-Awtorita' Għolja tal-KEFA u ż-żewġ Kummissjonijiet tal-KEE u tal-KEEA li kienu twaqqfu bit-Trattati ta' Pariġi[70] u ta' Ruma[71] jingħaqdu flimkien u jsiru istituzzjoni waħda. Dan seħħ aktar tard kif se naraw aktar 'il quddiem.

[70] Trattat KEFA
[71] Trattati KEE u KEEA